

Brussell, 13 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5304/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0009(COD)

CORDROGUE 2
SAN 24

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 18 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 18 final.

Mehmuż: COM(2022) 18 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2022
COM(2022) 18 final

2022/0009 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

{SEC(2022) 45 final} - {SWD(2022) 8 final} - {SWD(2022) 9 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-drogi illeċiti huma problema kumplessa ta' sigurtà u saħħa li taffettwa miljuni ta' nies fl-UE u globalment. Ir-Rapport Ewropew dwar id-Droga għall-2021¹ jindika li 83 miljun adult fl-UE huma stmati li pprovaw drogi illeċiti matul l-ajr. Fl-2019, fl-UE seħħew mill-inqas 5 150 mewta kkawżati minn doża eċċessiva, b'żieda kostanti kull sena mill-2012, inkluż fost persuni adolexxenti ta' bejn il-15 u d-19-il sena. Ir-rapport juri wkoll sitwazzjoni li qed tiddeterjora fir-rigward tal-volumi ta' kokaina u eroina introdotti fl-UE, li huma fl-ogħla livell ta' kull żmien. Il-produzzjoni tad-drogi, b'mod partikolari tad-drogi sintetiċi (amfetamini u ekstasi), isseħħ fl-UE kemm għall-konsum domestiku kif ukoll għall-esportazzjoni². Is-suq tad-droga huwa stmat għal valur bl-imnut minimu ta' EUR 30 biljun fis-sena³, u jibqa' l-akbar suq kriminali fl-UE u sors ewlieni ta' introjtu għall-gruppi tal-kriminalità organizzata⁴.

Il-kannabis hija l-aktar droga użata b'mod komuni. L-użu tal-eroina u ta' oppjojdi oħrajn għadu assoċjat l-aktar mal-forom ta' użu tad-drogi li jagħmlu l-aktar ħsara. Il-kokaina crack qed issir dejjem aktar disponibbli; drogi illeċiti differenti qed isiru disponibbli wkoll f'dożi iżgħar jew pakketti orħos, meqjusa aktar adattati għall-użu fid-dar. Hija osservata wkoll żieda fl-użu ta' benzodiazepini⁵ fost l-utenti tad-droga b'riskju għoli, prigionieri u xi gruppi ta' utenti tad-drogi rikreattivi, li potenzjalment tirrifletti d-disponibbiltà għolja u l-ispiża baxxa ta' dawn is-sustanzi, kif ukoll kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mal-pandemija. Fost il-persuni li jużaw id-drogi, l-użu ta' diversi sustanzi⁶ huwa mifruq u għandu impatt detrimental fuq is-saħħa pubblika. Barra minn hekk, iż-żieda fid-disponibbiltà ta' drogi oħrajn, b'mod partikolari l-kokaina u xi sustanzi sintetiċi, hija assoċjata ma' livelli akbar ta' vjolenza relatata mad-droga u reati oħrajn⁷.

Skont l-aħħar studji⁸, is-swieq tad-droga kienu reżiljenti b'mod notevoli għat-tfixkil ikkawżat mill-pandemija. Mhux biss il-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi kienu fil-biċċa l-kbira mhux

¹ Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), ir-Rapport Ewropew dwar id-Droga għall-2021, [ir-Rapport Ewropew dwar id-Droga għall-2021 | www.emcdda.europa.eu](http://www.emcdda.europa.eu).

² Fl-2019, ġew żarmati aktar minn 370 laboratorju għall-produzzjoni illegali tad-drogi fl-Ewropa; ir-Rapport Ewropew dwar id-Droga għall-2021.

³ EMCDDA/Europol, ir-Rapport tal-UE dwar is-Swieq tad-Droga għall-2019, <https://www.emcdda.europa.eu/2019/drug-markets>.

⁴ Ara Transcrime, From illegal markets to legitimate businesses: the portfolio of organised crime in Europe ("Minn swieq illegali għal negozji leġittimi: il-portafoll tal-kriminalità organizzata fl-Ewropa"), 2015, <http://www.transcrime.it/wp-content/uploads/2015/03/OCP-Full-Report.pdf>; Europol, Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA), 2021.

⁵ Dan jinkludi l-użu ta' benzodiazepini ddevjati mill-użu terapewtiku jew li jidhru bħala benzodiazepini ġodda. Il-"benzodiazepini ġodda" huma definiti bħala sustanzi psikoattivi ġodda li fihom qalba ta' benzodiazepina, u li ma humiex ikkontrollati taħt is-sistema internazzjonali ta' kontroll tad-droga.

⁶ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tiddefinixxi l-użu polidroga bħala l-użu ta' aktar minn sustanza waħda jew tip ta' sustanza minn individwu kkonsumanti fl-istess ħin jew b'mod sekwenzjali f'perjodu ta' żmien qasir. Sors: https://www.who.int/substance_abuse/terminology/who_lexicon/en/.

⁷ EMCDDA/Europol, ir-Rapport tal-UE dwar is-Swieq tad-Droga għall-2019, <https://www.emcdda.europa.eu/2019/drug-markets>.

⁸ EMCDDA, Ir-Rapport Ewropew dwar id-Droga għall-2021; EMCDDA, L-impatt tal-COVID-19 fuq is-swieq tad-droga, l-użu, il-ħsarat u s-servizzi tad-droga fil-komunità u fil-ħabsijiet, April 2021 | www.emcdda.europa.eu.

affettwati, iżda l-pandemija ġabet magħha wkoll riskji akbar għall-popolazzjonijiet emarġinati. Matul il-lockdowns inizjali relatati mal-pandemija tal-COVID-19, ġew osservati xi bidliet fir-rotot u fil-metodi fil-livell tal-operaturi, kif ukoll tfixkil u xi nuqqasijiet lokali. Madankollu, il-bejjiegħa u x-xerrejja tad-droga adattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida malajr, notevolment billi żiedu l-użu ta' servizzi ta' messaġġi kriptati, applikazzjonijiet tal-media soċjali, sorsi online, kif ukoll servizzi tal-posta u ta' kunsinna fid-djar. It-tnaqqis fil-konsum tad-droga li ġie osservat matul il-lockdowns inizjali għeb bit-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment. B'riżultat ta' dan, sa nofs l-2021, l-użu tal-biċċa l-kbira tad-drogi reġa' lura għall-livelli ta' qabel il-COVID jew possibbilment saħansitra għal livelli ogħla. Barra minn hekk, ma ġie nnotat l-ebda tnaqqis fil-provvista. Għall-kuntrarju, fl-2020 u fil-bidu tal-2021 ġew irrapporati qabdiet ta' ħafna tunnelli ta' kokaina fil-portijiet Ewropej, filwaqt li l-kultivazzjoni tal-kannabis u l-produzzjoni tad-droga sintetika fl-Unjoni Ewropea komplew fil-livelli ta' qabel il-pandemija matul l-2020, b'għadd dejjem akbar ta' każijiet li jinvolvu kannabis adulterat b'kannabinojdi sintetiċi. Filwaqt li s-servizzi tad-drogi madwar l-Ewropa, inklużi s-servizzi b'livell limitu baxx, il-kmamar tal-konsum tad-droga, u s-servizzi ta' trattament residenzjali u tal-outpatients, reġġu bdew joperaw, dawn għadhom limitati mill-miżuri stretti tal-COVID-19 li hemm fis-seħħ u qegħdin joperaw b'kapaċità mnaqqsa.

Dawn l-iżviluppi jitolbu azzjoni effettiva fil-livell tal-Unjoni. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025⁹ u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025¹⁰ jipprovdu l-qafas strateġiku għal dan. L-Istrateġija, *inter alia*, tistieden lill-Kummissjoni "*biex tippreżenta proposta għar-reviżjoni tal-mandat tal-EMCDDA [iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga¹¹] mill-aktar fis possibbli, sabiex jiġi żgurat li l-aġenzija jkollha rwol aktar b'saħħtu fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri tal-fenomenu tad-droga*"¹². Il-proposta attwali twettaq dan l-impenn.

Fl-2018/19, il-Kummissjoni wettqet ir-raba' evalwazzjoni taċ-Ċentru f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006¹³. Hija kkonkludiet li, b'mod ġenerali, iċ-Ċentru jaħdem tajjeb, iżda huwa possibbli aktar titjib f'diversi oqsma, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi tal-fenomenu tad-droga.

Din is-sejba ġiet issostanzjata aktar matul il-kuntatti regolari maċ-Ċentru u mal-partijiet ikkonċernati tiegħu, li ssottolinjaw nuqqas ta' qbil dejjem akbar bejn il-komplessità u l-iżviluppi rapidi tal-fenomenu tad-droga u dak li jipprevedi l-mandat taċ-Ċentru. Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 ma jirriflettix ir-realtà attwali tal-fenomenu tad-droga u ma huwiex konformi mal-kompiti li jeħtieġ li jwettaq iċ-Ċentru biex jindirizza l-isfidi attwali u futuri tal-fenomenu tad-droga.

Għalhekk, din il-proposta tipprevedi **reviżjoni mmirata** tal-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u tfittex li ssaħħaħ il-mandat tagħha sabiex tiżgura li l-Aġenzija futura tkun tista' tirreaġixxi b'mod effettiv għal sfidi ġodda, tipprovdi appoġġ aħjar lill-Istati Membri, u tikkontribwixxi għall-iżviluppi fil-livell internazzjonali. B'mod partikolari, il-proposta timmira li tkopri b'mod espliċitu diversi sustanzi, jiġifieri dipendenzi bbażati fuq sustanzi oħrajn meta dawn is-sustanzi jittieħdu

⁹ ĠU C 102I, 24.3.2021, p. 1.

¹⁰ ĠU C 272, 8.7.2021, p. 2.

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (tfassil mill-ġdid), ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1-13

¹² L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, il-Prijorità Strateġika Nru 11, il-punt 5.

¹³ COM(2019) 228.

flimkien ma' drogi illeċiti; li ssaħħa il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tat-thedd; li tistabbilixxi laboratorju biex jiġi żgurat li l-informazzjoni forensika u tossikoloġika kollha tkun disponibbli għall-Aġenzija; li ssaħħa il-pożizzjoni tal-punti fokali nazzjonali biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jipprovdu *data* rilevanti; li tistabbilixxi l-kompetenza tal-Aġenzija biex tiżviluppa kampanji ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll toħroġ twissijiet f'każ li sustanzi partikolarment perikolużi jkunu disponibbli fis-suq. Fl-aħħar nett, il-proposta tiċċara r-rwol tal-Aġenzija fl-arena internazzjonali¹⁴. Fl-istess ħin, il-proposta se tadatta wkoll il-qafas istituzzjonali tal-Aġenzija għall-approċċ komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE¹⁵.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta leġiżlattiva tqis firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna u s-saħħa pubblika.

Fir-rigward tal-politiki dwar id-drogi, din il-proposta leġiżlattiva tqis l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni relatat. Hija tqis ukoll l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006¹⁶, kif ukoll diversi atti biex jiżdedu sustanzi mad-definizzjoni ta' drogi skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI¹⁷.

Din il-proposta leġiżlattiva tqis ukoll il-kooperazzjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) ma' korpi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)¹⁸, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali

¹⁴ Għad-dettalji, ara l-għażla ppreferuta deskritta hawn taħt fit-Taqsima 3.

¹⁵ L-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jstabbilixxi sett komprensiv ta' prinċipji ta' gwida sabiex il-funzjonament tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE jsir aktar koerenti, effettiv u responsabbli; Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati – Approċċ Komuni, 2012; https://europea.eu/european-union/sites/europaefiles/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L 305, 21.11.2017, p. 1).

¹⁷ ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8. Ara wkoll id-Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI (ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12). Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/369 tat-13 ta' Diċembru 2018 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI rigward l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga" (ĠU L 66, 7.3.2019, p. 3); Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida *N,N*-dietil-2-[[4-(1-metiletossi)fenil]metil]-5-nitro-1*H*-benzimidazol-1-etanammina (isotonitažen) fid-definizzjoni ta' "droga" (ĠU L 379, 13.11.2020, p. 55); Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/802 tat-12 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanzi psikoattivi ġodda l-metil 3,3-dimetil-2-[[1-(pent-4-en-1-yl)-1*H*-indażolu-3-karbonil]amino}butanoat (MDMB-4en-PINACA) u l-metil 2-[[1-(4-fluworobutil)-1*H*-indol-3-karbonil]amino}-3,3-dimetilbutanoat (4F-MDMB-BICA) fid-definizzjoni ta' "droga" (ĠU L 178, 20.5.2021, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53–114).

(Eurojust)¹⁹, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)²⁰, u l-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)²¹, iżda wkoll aġenziji u korpi deċentralizzati oħrajn tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta leġiżlattiva tqis politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni li ġew adottati jew immedja mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (tfassil mill-ġdid).

Fir-rigward tal-innovazzjoni, din il-proposta leġiżlattiva tqis il-finanzjament tal-UE għall-politika dwar id-drogi taħt Orizzont 2020²², il-Fond għas-Sigurtà Interna²³, l-Inizjattivi tal-Politika dwar id-Drogi taħt il-Programm Ġustizzja²⁴, il-Programm l-UE għas-Saħħa²⁵, u Orizzont Ewropa²⁶.

Fir-rigward tas-saħħa pubblika, din il-proposta leġiżlattiva tqis l-istabbiliment ta' sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons b'rabta ma' theddid transfruntier serju għas-saħħa^{27,28} u l-proposti għall-bidliet fil-mandati ta' xi wħud mill-aġenziji msemmija hawn fuq²⁹. Meta kkunsidrat il-

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138–183).

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1–33).

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1–11).

²² Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1–68).

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/JHA (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93–111). Ara wkoll il-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (COM(2018) 472 final).

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73–83).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-“Programm l-UE għas-Saħħa”) għall-perjodu 2021–2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1–29).

²⁶ COM(2018) 435 final.

²⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1–15); ara wkoll il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, COM(2020) 727 final.

²⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/253 tat-13 ta' Frar 2017 li tistabbilixxi l-proċeduri għan-notifika ta' twissijiet bħala parti tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni stabbilita b'rabta mat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u għall-iskambju ta' informazzjoni, ta' konsultazzjoni u ta' koordinazzjoni ta' reazzjonijiet għal theddid bħal dan skont id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 37, 14.2.2017, p. 23–27), li jinkludi theddid relatat ma' drogi illeċiti.

²⁹ Għall-Europol, ara COM(2020) 796 final; għall-aġenziji tas-saħħa, ara, b'mod ġenerali, COM(2020) 724, u f'aktar dettall għall-EMA, COM(2020) 725, u għall-ECDC, COM(2020) 726.

kooperazzjoni mal-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, il-proposta kkunsidrat ukoll l-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)³⁰.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' pajjiżi terzi, din il-proposta leġiżlattiva tqis il-politiki esterni tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Aġenzija kien ibbażat fuq l-Artikolu 152 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jiġifieri fuq il-bażi ġuridika tas-saħħa pubblika. Din id-dispożizzjoni tikkorresponди għall-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 168(1) tat-TFUE jaqra: “*L-Unjoni għandha tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni*”. L-Artikolu 168(5) tat-TFUE jistabbilixxi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jadottaw “*miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert fuq dan it-theddid u l-għieda kontrih*”.

L-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-provvista u mas-suq tad-droga jappoġġa t-tnaqqis tad-disponibbiltà tad-drogi fl-UE u t-tnaqqis tad-domanda għad-droga u, fl-aħħar mill-aħħar, is-saħħa pubblika. Id-dimensjonijiet tas-saħħa u tas-sigurtà tal-fenomenu tad-droga huma intrinsikament marbuta u ma jistgħux jiġu indirizzati separatament. Għalhekk, il-kontenut ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa kopert mill-bażi ġuridika tas-saħħa pubblika u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa possibbli taħt dik il-bażi ġuridika.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Hija **meħtieġa** azzjoni tal-UE biex jiġi rivedut il-mandat tal-Aġenzija.

Il-fenomenu tad-droga jaffettwa lill-Ewropej kollha u huwa ta' natura transfruntiera u multiġurizdizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tas-swieq tad-droga u tal-kriminalità organizzata. Hemm ħafna sfidi komuni madwar l-Istati Membri, kemm min-naħa tas-saħħa kif ukoll min-naħa tas-sigurtà, li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Ma huwiex possibbli li l-fenomenu tad-droga jiġi indirizzat biss fuq livell nazzjonali jew reġjonali/subnazzjonali, minħabba li t-traffikar tad-droga huwa reat tranżnazzjonali. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti fit-traffikar tad-droga jisfruttaw id-differenzi fl-approċċi regolatorji u legali madwar l-Istati Membri. Mudell problematiku tas-saħħa jew tas-sigurtà li jinstab fi Stat Membru ħafna drabi jidher fi Stati Membri oħrajn ukoll. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew saħansitra l-aħjar Prattika nazzjonali ma jkunux jistgħu jindirizzaw l-aspetti transfruntiera tal-fenomenu tad-droga. B'hekk, minħabba dan il-karattru tranżnazzjonali, hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE.

Din il-proposta leġiżlattiva se twassal għal **valur miżjud konsiderevoli tal-UE**. L-adozzjoni ta' reviżjoni mmirata tal-mandat tal-Aġenzija, biex b'hekk tkun tista' tindirizza l-isfidi attwali u futuri, hija fl-interess tal-UE, b'mod partikolari fid-dawl tad-deterjorament reċenti tas-sitwazzjoni tad-droga fl-UE kkaratterizzata mid-disponibbiltà mifruxa ta' firxa diversa ta' drogi ta' purità jew potenza dejjem aktar għoljin, appoġġati mill-użu ħażin tal-innovazzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi, u li jwasslu għal xejriet aktar kumplessi ta' użu u impatt dejjem akbar

³⁰ Il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu relatata tista' tinstab taħt il-link li ġejja: [L-Awtorità Ewropea għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa \(HERA\) \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/it/TXT/?uri=CELEX:32016R1920).

fuq is-saħħa u s-sigurtà pubblika. Ir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija hija parti mir-reazzjoni tal-UE għal dawn l-iżviluppi.

Kif uriet l-evalwazzjoni, l-Aġenzija għandha valur miżjud importanti meta mqabbla mal-indirizzar tal-fenomeni tad-droga fil-livell nazzjonali biss. Ħafna mill-fenomeni huma min-natura tagħhom transfruntiera u dejjem aktar globali u, għalhekk, ma jistgħux jiġu indirizzati minn Stat Membru waħdu. Madankollu, il-mandat attwali tal-Aġenzija qed jillimita l-azzjoni tagħha, l-appoġġ li tista' tagħti lill-Istati Membri, u r-rwol li jista' jkollha fuq livell internazzjonali. Il-fatt li, pereżempju, il-mandat attwali tal-Aġenzija jkopri l-użu ta' diversi sustanzi biss sa ċertu punt limitat, iwassal għal telf tal-ħarsa ġenerali fil-livell tal-UE lejn il-fenomeni tad-droga, bid-*data* miġbura tkun frammentata jew possibbilment mhux eżistenti. Dan imur kontra r-rekwiżiti tat-tfassil tal-politika tal-UE bbażat fuq l-evidenza fil-politika dwar id-drogi, li tiddependi fuq korp newtrali biex jipprovdi *data* fattwali u oġġettiva. Ir-reviżjoni mmirata proposta f'din il-proposta leġiżlattiva ssaħħaħ lill-Aġenzija f'oqsma kruċjali biex tkun tista' tindirizza dawn il-kwistjonijiet komuni aħjar.

Ir-reviżjoni tal-mandat attwali tikkontribwixxi wkoll għal tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-proċeduri amministrattivi, u simplifikazzjoni tagħhom, fl-Istati Membri. Fost il-fatturi li jikkontribwixxu għal dan hemm ir-razzjonalizzazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni proposti tal-obbligi ta' rapportar fl-Istati Membri permezz tal-punti fokali nazzjonali, il-monitoraġġ tas-swieq tad-droga u ż-żamma ta' sistema ta' twissija bikrija u sistema ta' twissija dwar id-droga, l-organizzazzjoni tat-taħriġ, l-iżvilupp tal-aħjar prattiki, eċċ. Dan iwassal għal tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi fl-Istati Membri. Eżempju ieħor huwa li se tkun disponibbli informazzjoni aħjar mill-Aġenzija għall-benefiċċju mhux biss tal-UE, iżda wkoll tal-Istati Membri. L-Istati Membri weħidhom ma jkunux jistgħu jiġbru u janalizzaw id-*data* bl-istess mod, minħabba li ma għandhomx l-għarfien jew ir-riżorsi, jew minħabba li l-problema hija waħda transfruntiera. Dan l-aħħar element huwa wkoll argument għas-simplifikazzjoni amministrattiva, minħabba li l-ebda Stat Membru ma jista' jindirizza dawk il-kwistjonijiet waħdu u l-koooperazzjoni ma' bosta pajjiżi twassal għal piż amministrattiv għoli.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija **proporzjonata** minħabba li hija l-uniku mod kif isiru l-bidliet meħtieġa fil-mandat tal-Aġenzija.

L-azzjoni fil-livell tal-UE ma għandhiex l-intenzjoni li tissostitwixxi l-azzjonijiet jew l-awtoritajiet nazzjonali u lanqas li tqajjem dubji dwar ir-rilevanza tagħhom. Il-fenomeni tad-droga jista' jiġi indirizzat biss jekk il-livelli kollha – tal-UE, nazzjonali u lokali – jaħdmu flimkien. Il-proposta attwali mhux se tmur lil hinn minn dak li huwa proporzjonat biex jiġi indirizzat fenomeni madwar l-UE kollha.

Fir-rigward tar-regoli u r-responsabbiltajiet ġodda possibbli tal-punti fokali nazzjonali, se jibqa' f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu eżattament kif iridu jistabbilixxu punt fokali nazzjonali. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-punti fokali nazzjonali jkun f'pożizzjoni li jipprovdu lil-livell tal-UE dak li huwa meħtieġ u li jaċċessaw il-finanzjament disponibbli fil-livell tal-UE, jenħtieġ li huma jikkonformaw ma' sett ta' rekwiżiti minimi. Barra minn hekk, minħabba li l-forniment tad-*data* ewlenija mill-Istati Membri lill-Aġenzija permezz tal-punti fokali nazzjonali huwa l-bażi għas-sistema ġenerali ta' monitoraġġ tad-droga, huwa proporzjonat li jiġu stabbiliti tali rekwiżiti minimi.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li l-mandat tal-Aġenzija huwa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1920/2006, ir-reviżjoni tal-mandat tagħha trid tiegħu l-forma ta' Regolament ukoll.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjoni ewlenija mal-partijiet ikkonċernati għal din il-proposta saret bħala parti mill-evalwazzjoni tal-Aġenzija mwettqa fl-2018/19. Dan il-proċess kien jinkludi konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati, inkluża konsultazzjoni pubblika ta' 12-il ġimgħa. Id-dettalji ta' din il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati huma disponibbli fl-Anness III tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal relatat³¹. L-Anness jinkludi wkoll sommarju qasir tal-eżiti tal-konsultazzjoni pubblika. Ir-rapport fil-qosor tal-konsultazzjoni pubblika ġie ppubblikat bħala l-Anness 5 tar-rapport ta' evalwazzjoni³².

Barra minn hekk, il-fehmiet ta' partijiet ikkonċernati speċifiċi, bħall-Istati Membri, il-punti fokali nazzjonali jew aġenziji oħrajn, ġew indirizzati b'mod adegwat permezz ta' laqgħat u/jew talbiet għal informazzjoni partikolari.

Saru diversi diskussjonijiet fid-dawl tar-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija minn meta sar l-istudju tal-konsulent, inklużi diskussjonijiet fil-Bord tat-Tmexxija tal-EMCDDA f'Diċembru 2018 u f'Ġunju 2019, preżentazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Grupp Orizzontali dwar id-Drogi f'Lulju 2019 u preżentazzjoni lill-kapijiet tal-punti fokali nazzjonali fil-laqgħa tagħhom f'Mejju 2019.

Fl-2019 u l-2020, saru diversi laqgħat formali u informali. Dawn kienu jinkludu laqgħat informali ma' membri differenti tal-persunal tal-Aġenzija, mal-kap tal-punti fokali nazzjonali, mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi, u ma' rappreżentanti tal-Istati Membri.

Ġew organizzati wkoll laqgħat aktar formali mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fl-1 ta' Lulju 2020 saret laqgħa virtwali mal-grupp ewlieni tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi. Ir-reviżjoni proposta tal-mandat tal-EMCDDA ġiet diskussa wkoll fil-laqgħa Plenarja tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi fit-8 ta' Ottubru 2020. Saret diskussjoni dwar l-aspetti relatati mal-punti fokali nazzjonali fil-laqgħa teknika tan-network Reitox fis-7 ta' Ottubru 2020 u fil-laqgħa tal-Kapijiet tal-Punti Fokali Nazzjonali fis-26 ta' Novembru 2020. Fis-26 ta' Ottubru 2020 ġie organizzat workshop informali virtwali għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-EMCDDA, li ddiskuta l-għażla ta' politika u l-ideat ewlenin għall-għażla ppreferuta.

Matul dawn l-iskambji, ġiet sottolinjata l-ħtieġa li r-regolament tal-EMCDDA jiġi adattat għall-isfidi attwali rilevanti għad-drogi, bħall-użu ta' diversi sustanzi, u li jiġi żgurat finanzjament xieraq lill-Aġenzija. Il-parteċipanti talbu għal aktar żvilupp tal-monitoraġġ, tal-ġbir tad-data u tal-kapaċitajiet ta' valutazzjoni tal-Aġenzija, kif ukoll tal-kompetenza tagħha li tibda kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni tar-riskju, filwaqt li ssaħħa ir-

³¹ SWD(2019) 174.

³² ICF, Rapport finali – Evalwazzjoni esterna tal-EMCDDA, Novembru 2018; link: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/4eaca79c-72f6-11e9-9f05-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-search>.

relazzjoni tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u, b'mod partikolari, mal-Punti Fokali Nazzjonali. Ġie sottomlinjat ukoll ir-rwol tal-EMCDDA b'rabta mal-politika internazzjonali dwar id-droga, kif ukoll ġiet enfasizzata l-ħtieġa għal kapaċità xierqa ta' laboratorju forensiku u tossikoloġiku.

- **Il-ġbir tad-data u l-użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-Aġenzija bl-appoġġ ta' konsulent f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006. L-eżiti ewlenin tal-evalwazzjoni ġew miġbura fil-qosor f'Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill³³ u f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah³⁴. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kienet pożittiva fir-rigward tal-ħames kriterji ta' evalwazzjoni (ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE), iżda nnotat ukoll li hemm lok għal titjib f'diversi oqsma. Pereżempju, id-disponibbiltà ta' prodotti aktar progressivi, ir-relazzjoni mal-komunità xjentifika u mal-prattikanti ġenerali, u l-miżuri ġenerali ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku jistgħu jittejjbu. L-evalwazzjoni sottomlinjat ukoll il-ħtieġa li jittejjeb il-forniment tad-data, li jiġi indirizzat l-użu ta' diversi sustanzi u li jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-evalwazzjoni tal-politiki nazzjonali tagħhom dwar id-droga. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tista' tissaħħaħ aktar. L-evalwazzjoni kienet inkonklużiva dwar it-twessigħ futur potenzjali tal-ambitu tal-Aġenzija għal sustanzi leċiti u illeċiti oħrajn u għal imġibiet li jwasslu għal dipendenzi³⁵.

L-Aġenzija pprovdiet kontribut espert għall-valutazzjoni tal-impatt u għall-proposta leġiżlattiva matul l-abbozzar tagħha, inklużi estimi tal-impatti tal-kostijiet tal-għażliet ta' politika differenti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt.

Ġew ikkunsidrati diversi għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. Xi għażliet ta' politika³⁶ ġew skartati fi stadju bikri u ma kinux soġġetti għal analiżi u valutazzjoni aktar fil-fond. Ġew ivvalutati fid-dettall żewġ għażliet ta' politika: it-tnejn għandhom objettivi simili, iżda jwasslu għal livell differenti ta' impatt f'termini ta' kostijiet, benefiċċji u piż amministrattiv.

- ***Għażla politika nru 4: Reviżjoni mmirata - Twassil ta' aktar valur fil-politika dwar id-drogi***

Din l-għażla tipprovdi ambitu tematiku ta' azzjoni ffokat fuq id-drogi illeċiti u mmirat lejn l-approfondiment tal-bażi ta' evidenza dwar il-fenomeni tad-droga, filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-theddid tal-Aġenzija biex iżżid il-kapaċità tagħha li taġixxi u tirreaġixxi għal sfidi ġodda, inkluż fuq livell internazzjonali. Il-punti fokali nazzjonali jkollhom bżonn jingħataw is-setgħa li jaġixxu bħala intermedjarji aktar effettivi li jitransformaw u jimplimentaw inputs ewlenin mill-Aġenzija fil-livell nazzjonali. Skont din l-

³³ COM(2019) 228.

³⁴ SWD(2019) 174.

³⁵ Sommarju tal-eżiti ewlenin jista' jinstab ukoll fit-Taqsima 2.1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

³⁶ Għażla politika nru 0: Xenarju bażi – Iż-żamma tal-approċċ attwali mingħajr bidliet; Għażla politika nru 1: Reviżjoni minima - Kooperazzjoni aktar b'saħħitha; Għażla politika nru 2: Żarmar tal-Aġenzija – Tħassir tar-Regolament ta' stabbiliment; Għażla politika nru 3: Fużjoni tal-Aġenzija ma' korp ieħor tal-UE.

għażla ta' politika, l-Aġenzija tikseb ukoll aġilità f'termini ta' rispons għall-ħtiġijiet li jinqalgħu fil-qasam tal-politika dwar id-drogi permezz ta' diversi servizzi mfassla apposta għall-Istati Membri. Din l-għażla ggħib magħha tnaqqis importanti fil-piż amministrattiv, kif ukoll simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-Istati Membri. Hija tkun ukoll aktar adattata fir-rigward tat-tisħiħ tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa.

– ***Għażla politika nru 5: Reviżjoni espansiva - Iffokar fuq dipendenzi diversi***

Din l-għażla tipprovdi ambitu tematiku ta' azzjoni estiż biex ikopri d-dipendenza b'mod wiesa', lil hinn mid-drogi, u biex tiġġedded is-sistema ta' monitoraġġ tal-Aġenzija abbażi ta' metodoloġiji u indikaturi applikabbli li jkopru dipendenzi diversi. L-ambitu tematiku estiż dwar id-dipendenzi jaffettwa l-korp tad-*data* li jkun meħtieġ li jiġi pprovdut mill-punti fokali nazzjonali lill-Aġenzija, kif ukoll ir-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru għall-kondiviżjoni tal-għarfien. Fl-aħħar nett, l-involvement tal-Aġenzija fil-kooperazzjoni internazzjonali jkun prinċipalment limitat għall-attivitajiet attwali relatati mad-drogi, minħabba li dipendenzi oħrajn ma għandhomx l-istess livell ta' esponiment transfruntier u internazzjonali. Din l-għażla tista' tirriżulta f'duplikazzjonijiet possibbli mal-politiki eżistenti. Hija tqajjem ukoll mistoqsijiet dwar l-interferenza possibbli mal-kompetenzi nazzjonali u tista' tkun diffiċli minn perspettiva ta' sussidjarjetà. Hija timplika wkoll żieda serja fir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-Aġenzija biex twettaq il-kompiti tagħha.

Wara valutazzjoni dettaljata tal-impatt tal-għażliet ta' politika msemija hawn fuq, l-għażla ppreferuta hija l-għażla ta' politika nru 4 li twassal għal **reviżjoni mmirata** tal-mandat. L-elementi ewlenin ta' din ir-reviżjoni mmirata huma dawn li ġejjin:

- L-ambitu tal-azzjoni tal-Aġenzija jiġi estiż biex jindirizza l-użu ta' diversi sustanzi, jiġifieri dipendenzi oħrajn ibbażati fuq is-sustanzi meta dawn is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi illeċiti. B'hekk, ir-reviżjoni għandha tiċċara x'jinkludi l-użu ta' diversi sustanzi u f'liema kundizzjonijiet jista' jiġi applikat il-kunċett. Dan it-tweżiġ limitat tal-mandat ikun jeħtieġ ir-rapportar ta' *data* rilevanti mill-punti fokali nazzjonali.
- Il-mandat tal-Aġenzija jiġi estiż biex jindirizza b'mod espliċitu l-kwistjonijiet tal-provvista tad-droga u tas-suq tad-droga, minħabba li din hija dimensjoni dejjem aktar importanti tal-fenomeni tad-droga u Aġenzija tal-UE dwar id-Droga (EUDA) għandha tkun kapaċi tindirizza bis-sħiħ dik id-dimensjoni.
- Il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-theddid tal-Aġenzija jissaħħu u l-Aġenzija tipprovdi aktar appoġġ lill-Istati Membri biex iżidu l-impatt tal-Aġenzija fuq il-fenomeni tad-droga u l-kapaċità tagħha li tirreaġixxi għal sfidi ġodda.
- Jiġi stabbilit laboratorju virtwali, jiġifieri network ta' laboratorji flimkien ma' ċentru ta' kompetenza fl-Aġenzija, sabiex jiġi żgurat li tkun disponibbli aktar informazzjoni forensika u tossikoloġika għall-Aġenzija.
- Il-punti fokali nazzjonali jkollhom is-setgħa li jipprovdu d-*data* rilevanti lill-Aġenzija. Ir-Regolament il-ġdid jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-stabbiliment tagħhom, li mbagħad jiġu ċċertifikati mill-Aġenzija. Il-mandat tal-punti fokali nazzjonali għandu jirrifletti r-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija.
- L-Aġenzija tikseb il-kompetenza biex taġixxi fuq l-analiżi tagħha u tiżviluppa kampanji ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll toħroġ twissijiet f'każ li jkun hemm sustanzi partikolarment perikolużi disponibbli fis-suq.

- Dawn l-elementi jkunu kkomplementati minn kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri u mal-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-Unjoni, li hija kruċjali, għalkemm weħida ma twassalx biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din l-inizjattiva.
- Fir-rigward tad-dimensjoni internazzjonali, il-kompiti tal-Aġenzija jiġu ċċarati sabiex fil-mandat innifsu jiġu inklużi l-kompetenzi rilevanti.

Din l-għażla ta' politika hija riflessa bis-sħiħ f'din il-proposta leġiżlattiva. Hija tagħti lill-Aġenzija l-għodod u l-kapaċitajiet biex tindirizza d-dimensjonijiet kollha tal-fenomeni tad-drogi ta' żmienna.

Minbarra li tirrevedi l-mandat tal-Aġenzija fis-sustanza, il-proposta leġiżlattiva se tadattah ukoll għall-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE³⁷. Dan għadu ma sarx, minħabba li ma saret l-ebda reviżjoni sostantiva tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 minn mindu ntlaħaq il-ftehim dwar l-approċċ komuni fl-2012. L-adattament għall-approċċ komuni jirrikjedi li jiġi estiżi ħafna dispożizzjonijiet rigward ir-regoli istituzzjonali u ta' governanza tal-Aġenzija, anki jekk il-kontenut ewlieni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jibqa' l-istess. L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda se ggħib il-governanza tal-Aġenzija f'konformità mal-aħħar sett ta' leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mar-regoli finanzjarji, il-protezzjoni tad-data, il-għieda kontra l-frodi u kwistjonijiet simili. Hija se tallinja wkoll ir-regoli ta' governanza tal-Aġenzija ma' dawk ta' aġenziji deċentralizzati oħrajn tal-UE.

L-impatti ewlenin tal-proposta attwali huma fuq il-Kummissjoni u l-Aġenzija nnifisha, u fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Marbuta ma' dan, ikun hemm impatti possibbli fuq is-simplifikazzjoni u/jew il-piż amministrattiv kif muri hawn fuq³⁸. L-impatti ekonomiċi ewlenin huma fuq il-baġit tal-UE, fir-rigward taż-żieda meħtieġa tal-kontribut tal-UE għall-baġit tal-Aġenzija, u b'mod ħafna aktar limitat fuq il-baġits nazzjonali. L-impatti fuq partijiet ikkonċernati oħrajn, b'mod partikolari fuq iċ-ċittadini/l-individwi u n-negozji, huma limitati u fil-biċċa l-kbira indiretti permezz tal-kapaċità aħjar li jiġi indirizzat il-fenomeni tad-drogi fl-UE.

• **Drittijiet fundamentali**

Ir-reviżjoni bħala tali ma għandha l-ebda impatt dirett fuq id-drittijiet fundamentali. Id-data miġbura mill-Aġenzija u għaliha hija *data* statistika, iżda ma tinkludi l-ebda *data* personali; għalhekk, l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ("il-protezzjoni tad-data personali") ma huwiex affettwat. Drittijiet fundamentali oħrajn lanqas ma huma affettwati mill-proposta.

Madankollu, għandu jiżdied li l-analiżi tal-Aġenzija tindirizza kwistjonijiet importanti b'implikazzjonijiet possibbli għad-drittijiet fundamentali³⁹, anki jekk l-Aġenzija ma tiddeċidix dwar tali miżuri jew ma timmaniġġjahomx hija stess. F'dak is-sens, it-titjib tal-funzjonament tal-Aġenzija jista' jkollu impatti indiretti pożittivi fuq id-drittijiet fundamentali.

³⁷ Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

³⁸ Ara t-taqsimma dwar is-"Sussidjarjetà", paġna 5. Ma hija disponibbli l-ebda *data* kwantitattiva rigward il-potenzjal ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż. L-evalwazzjoni reċenti tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020 ikkonkludiet li ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar ir-riżorsi ddedikati mill-Istati Membri għal kwistjonijiet relatati mad-droga. Ara l-Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020, SWD(2020) 150 final.

³⁹ Pereżempju, il-ħidma fuq alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi, il-ħidma fuq standards minimi ta' kwalità fit-tnaqqis tad-domanda għad-droga, l-aħjar prattiki dwar it-trattament u t-tnaqqis tal-ħsara.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta leġiżlattiva jkollha impatt fuq il-ħtiġijiet tal-baġit u tal-persunal tal-Aġenzija kif previst bħalissa fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u li ma humiex biżżejjed għall-kompiti li għandha twettaq l-Aġenzija biex tindirizza aħjar il-fenomenu tad-droga, inkluż fir-rigward tas-swieq tad-droga u l-provvista tad-droga. Huwa stmat li se jkunu meħtieġa baġit addizzjonali ta' madwar EUR 63 miljun u madwar 40 kariga addizzjonali għall-bqija tal-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha r-riżorsi meħtieġa biex tinforza l-mandat rivedut tagħha. Għalhekk, il-kompiti l-ġodda għall-Aġenzija proposti f'din il-proposta leġiżlattiva jeħtieġu rinforzi finanzjarji u umani addizzjonali meta mqabbla mar-riżorsi allokat li fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali adottat għall-perjodu 2021-2027, li jipprevedi żieda annwali ta' 2 % tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija. L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Aġenzija tal-UE dwar id-Droga se jiġi kkompensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju min-nefqa programmata taħt l-Intestatura 4⁴⁰ u għandu jstabbilizza wkoll il-ħtiġijiet tar-riżorsi tal-Aġenzija matul il-perjodu 2021-2027.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-mandat tal-Aġenzija jitwettqu fil-biċċa l-kbira mill-mekkaniżmi applikabbli skont dan ir-Regolament. L-Artikolu 52 jipprevedi evalwazzjoni li tivvaluta, b'mod partikolari, l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija u tal-prattiki ta' ħidma tagħha u jista' jindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu mmodifikati l-istruttura, l-operat, il-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Aġenzija, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din. Minbarra din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tislet *data* permezz tar-rappreżentanza tagħha fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u permezz tas-superviżjoni tagħha, flimkien mal-Istati Membri, tal-ħidma tal-Aġenzija.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I (l-Artikoli minn 1 sa 5) jinkludi l-oġettivi u l-kompiti ġenerali tal-Aġenzija. Wara li jiġi stabbilit li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) tissostitwixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) (**l-Artikolu 1**) u jiġu definiti l-istatus legali u s-sede tal-Aġenzija (**l-Artikolu 2**), kif ukoll jiġu pprovduti xi definizzjonijiet (**l-Artikolu 3**), **l-Artikolu 4** jiddefinixxi l-oġettiv tal-Aġenzija, li jibqa' l-istess bħal fir-Regolament (KE) Nru 1920/2006. **L-Artikolu 5** jipprovd i l-kompiti ġenerali tal-Aġenzija madwar tliet oqsma ta' kompetenza ewlenin, li huma spjegati aktar fid-dettall fil-Kapitolu minn II sa IV.

Il-Kapitolu II (l-Artikoli 6 u 7) jiċċara l-kompiti ta' monitoraġġ tal-Aġenzija. **L-Artikolu 6** jiddefinixxi liema *data* għandha tiġbor l-Aġenzija u x'azzjonijiet għandha tieħu biex ikollha l-aktar informazzjoni aġġornata disponibbli għall-analiżi tagħha. Huwa jiddefinixxi wkoll il-kompiti ta' tixrid tal-Aġenzija. **L-Artikolu 7** jistabbilixxi l-kompiti ewlenin ta' monitoraġġ tal-Aġenzija.

Il-Kapitolu III (l-Artikoli minn 8 sa 15) jiddefinixxi l-kompiti ta' twissija bikrija u ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Aġenzija. **L-Artikoli minn 8 sa 11** jistabbilixxu r-regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal sustanzi psikoattivi ġodda. Dawn id-dispożizzjonijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-Artikoli minn 5a sa 5d tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (introdotti permezz tar-

⁴⁰ Għad-dettalji, ara d-Dikjarazzjoni Leġiżlattiva Finanzjarja fl-Anness I.

Regolament (UE) 2017/2101). Il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija f'dan ir-rigward hija l-bażi għall-inklużjoni possibbli ta' sustanza psikoattiva ġdida fid-definizzjoni ta' "droga" permezz ta' direttiva delegata skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI. **L-Artikolu 12** jistabbilixxi l-possibbiltà li l-Aġenzija tiżviluppa valutazzjonijiet tat-theddid dwar żviluppi ġodda tal-fenomeni tad-droga li għandhom potenzjal li jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika. Dawn il-valutazzjonijiet tat-theddid se jgħinu biex tiżdied it-tnejn tal-UE biex tirreaġixxi għal theddid ġdid u tappoġġa kompiti oħrajn tal-Aġenzija. **L-Artikolu 13** jibni fuq l-informazzjoni disponibbli mis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE, il-valutazzjonijiet tat-theddid u informazzjoni oħra mill-Istati Membri dwar id-dehra ta' riskju serju dirett jew indirett relatat mad-droga. Huwa jipprevedi sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga, li tiffaċilita l-iskambju rapidu ta' informazzjoni li tista' teħtieġ li jittieħdu azzjonijiet rapidi biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa, is-sikurezza jew is-sigurtà pubblika. **L-Artikolu 14** jistabbilixxi l-kompetenzi tal-Aġenzija fil-qasam tal-prekursuri tad-droga. Fl-aħħar nett, **L-Artikolu 15** jistabbilixxi network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi ("laboratorju virtwali").

Il-Kapitolu IV (l-Artikoli minn 16 sa 21) jiddefinixxi l-kompiti li għandhom jiġu indirizzati bħala parti mill-iżvilupp tal-kompetenzi. **L-Artikolu 16** jistabbilixxi l-kompetenzi tal-Aġenzija b'rabta mal-prevenzjoni. L-Aġenzija diġà qed taħdem f'dan il-qasam, pereżempju, permezz tal-iżvilupp ta' Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni jew permezz tar-reġistru għall-prevenzjoni tal-iskambju. Dan għandu jitmexxa 'l quddiem billi l-Aġenzija tingħata ċ-ċans li tiżviluppa programmi u kampanji ta' prevenzjoni madwar l-UE, iżda wkoll tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn ta' kampanji nazzjonali. **L-Artikolu 17** jipprevedi proċedura ta' akkreditazzjoni u ta' ċertifikazzjoni għall-programmi nazzjonali, b'mod partikolari l-programmi nazzjonali ta' prevenzjoni, ta' trattament, ta' tnaqqis tal-ħsara u programmi relatati oħrajn. Tali akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali jew lill-korpi professjonali ċ-ċertezza li l-programmi tagħhom ikunu konformi mas-sitwazzjoni xjentifika attwali u jkunu wrew li huma utli. **L-Artikolu 18** jagħti s-setgħa lill-Aġenzija biex tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, pereżempju, fl-evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom, iżda wkoll fil-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki Innovattivi jew ta' informazzjoni rilevanti oħra. **L-Artikolu 19** jippermetti lill-Aġenzija tipprovdi taħriġ fl-ambitu tal-mandat tagħha, bħala kompit u ewleni jew bħala kompit u ta' sostenn, b'dan tal-aħħar jista' jiġi pprovdut soġġett għal tariffi separati, jekk jiġi deċiż hekk. **L-Artikolu 20** jistabbilixxi l-attivitajiet internazzjonali ta' kooperazzjoni u ta' assistenza teknika tal-Aġenzija, li għandhom jiġu żviluppati ulterjorment minnha. Id-dispożizzjoni tiċċara wkoll li l-kooperazzjoni internazzjonali hija parti mill-kompiti ewlenin tal-Aġenzija. **L-Artikolu 21** jipprovdi mandat lill-Aġenzija biex tkun aktar attiva fil-kuntest ta' ċiklu tal-għarfien tar-riċerka tal-UE. Dan għandu jkun jinkludi wkoll l-involvement tal-Aġenzija fiċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna⁴¹.

Il-Kapitolu V (l-Artikoli minn 22 sa 34) jistabbilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-Aġenzija. Ir-regoli huma bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006. Il-bidliet introdotti fir-regoli f'dan il-Kapitolu huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni. L-ispeċifikitajiet tal-Aġenzija, bħall-eżistenza ta' Kumitat Xjentifiku jew ta' network ta' punti fokali nazzjonali, inżammu, iżda ġew adattati kif xieraq.

L-Artikolu 22 jiddefinixxi l-istruttura tal-Aġenzija. **L-Artikoli minn 23 sa 27** jistabbilixxu l-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tat-Tmexxija. Dawn jiġu żviluppati abbażi tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, tar-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq

⁴¹ Id-dokumenti tal-Kunsill 12837/19, 12496/19, 7829/20.

id-Droga (EMCDDA) u tal-approċċ komuni. **L-Artikolu 28** jistabbilixxi r-regoli għall-Bord Eżekuttiv, li jappoġġa lill-Bord tat-Tmexxija u jħejji l-laqqgħat tiegħu. Il-bażi għal din id-dispożizzjoni hija l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, ir-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija tal-EMCDDA u l-approċċ komuni. **L-Artikolu 29** jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv u huwa bbażat fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 u l-approċċ komuni. **L-Artikolu 30** jistabbilixxi r-regoli għall-Kumitat Xjentifiku u huwa konformi mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006. Fl-aħħar nett, **l-Artikoli minn 31 sa 34** jistabbilixxu r-regoli għan-network Reitox ta' punti fokali nazzjonali u l-punti fokali nazzjonali nfushom. Il-punti fokali nazzjonali jeħtieġ li jissaħħu f'konformità mar-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija u, għalhekk, ir-regoli dwar il-punti fokali nazzjonali ġew estiżi biex jistabbilixxu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom f'aktar dettall. Il-punti fokali nazzjonali jeħtieġ li jingħataw is-setgħa li jaġixxu bħala korp ċentrali fl-Istati Membri għad-data kollha relatata mad-droga u għandu jkollhom ukoll rwol xieraq fil-livell nazzjonali. Sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom b'mod xieraq, l-istabbiliment tagħhom għandu jikkonforma ma' ċerti rekwiżiti minimi, li l-konformità magħhom għandha tiġi ċċertifikata mill-Aġenzija. Lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti minimi, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu kif għandhom jistabbilixxu l-punti fokali nazzjonali fis-sistema legali nazzjonali tagħhom.

Il-Kapitolu VI (l-Artikoli minn 35 sa 41) jinkludi d-dispożizzjonijiet finanzjarji. **L-Artikolu 35** jistabbilixxi r-regoli dwar id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija, li jinkludi l-ippjanar ta' tliet snin, kif ukoll il-programm ta' ħidma tas-sena ta' wara. Din id-dispożizzjoni ġiet adattata għall-aħħar regolamenti finanzjarji⁴². Il-bidliet fid-dispożizzjonijiet finanzjarji meta mqabbla mar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni u r-regoli finanzjarji applikabbli bħalissa għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE. Il-bidliet introdotti fir-rigward tal-proċeduri tal-baġit u l-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-kwittanza huma minuri. L-unika dispożizzjoni ġdida f'dan il-Kapitolu hija **l-Artikolu 37**, li jippermetti lill-Aġenzija titlob ħlasijiet għal ċerti kompiti, li ma humiex parti mill-kompiti ewlenin tal-Aġenzija. Se jkun f'idejn l-Aġenzija li tiddeċiedi fi stadju aktar tard, ladarba dan ir-Regolament ikun applikabbli, jekk hijiex se tuża din l-għażla jew le.

Il-Kapitolu VII (l-Artikoli minn 42 sa 44) jinkludi r-regoli tal-persunal. Il-bidliet meta mqabbla mar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni u l-bidliet fir-Regolamenti tal-Persunal u fil-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Impjegati Oħrajn (**l-Artikoli 42 u 44**)⁴³. **L-Artikolu 43** jinkludi r-regoli tal-persunal applikabbli għad-Direttur Eżekuttiv.

Il-Kapitolu VIII (l-Artikoli minn 45 sa 63) jinkludi dispożizzjonijiet ġenerali u finali. Il-bidliet meta mqabbla mar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni u l-adattamenti għal leġiżlazzjoni aktar reċenti. Il-maġġoranza ta' dawn id-dispożizzjonijiet kienu diġà inklużi fir-Regolament (KE) Nru 1920/2006. Dan il-Kapitolu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet tranżizzjonali (**l-Artikoli minn 58 sa 61**) li jippermettu tranżizzjoni xierqa miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi.

⁴² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1–38).

⁴³ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 168(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93³. Dan l-att ta' stabbiliment tfassal mill-ġdid fl-2006 permezz tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (2) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ġie stabbilit biex jipprovdi informazzjoni fattwali, oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar id-droga, id-dipendenza fuq id-droga u l-konsegwenzi tagħhom fil-livell tal-Unjoni biex jipprovdu lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'evidenza biex jinformat it-tfassil tal-politika u jiggwidaw inizjattivi maħsuba biex jindirizzaw id-drogi u, b'hekk, jagħtu valur miżjud meta, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, huma jieħdu miżuri jew jiddeċiedu dwar azzjoni biex jindirizzaw il-fenomeni tad-drogi. Il-ħolqien taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga tejjeb b'mod ċar id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga madwar l-Ewropa.
- (3) Billi l-oġġettiv ġenerali tiegħu għadu validu u jenħtieġ li jinżamm, ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 bħala tali ma għadux adattat għall-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri marbuta mad-droga. Għalhekk, il-mandat taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga jenħtieġ li jiġi rivedut, inklużi billi jiġi sostitwit u billi jissema mill-ġdid bħala "l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi" ("l-Aġenzija"). Billi huma meħtieġa emendi sostanzjali għar-Regolament (KE)

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għal Sorveljar dwar Droga u l-Vizzju tad-Droga (ĠU L 36, 12.2.1993, L. 1).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

Nru 1920/2006 biex jiġi akkomodat l-approċċ komuni għall-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni⁵ u biex jitqiesu l-iżviluppi tal-fenomenu tad-droga, fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.

- (4) L-enfasi ewlenija tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 kienet fuq kwistjonijiet relatati mas-saħħa. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati wkoll il-kwistjonijiet tas-swieq tad-droga u tal-provvista tad-droga sabiex jinftehm u l-impatti tal-fenomenu tad-droga fuq is-saħħa pubblika, titnaqqas id-disponibbiltà tad-drogi fl-Unjoni u titrażżan id-domanda għad-droga. Il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u mal-provvista huma intrinsikament marbuta. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tindirizza l-fenomenu tad-droga b'mod aktar olistiku.
- (5) Jenħtieġ li l-ħidma tal-Aġenzija titwettaq b'kunsiderazzjoni xierqa tas-setgħat rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-drogi. Jenħtieġ li din tkopri d-diversi aspetti tal-fenomenu tad-droga u s-soluzzjonijiet applikati. Meta tagħmel dan, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun iggwidata minn strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni rilevanti adottati mill-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi applikabbli.
- (6) Fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha, jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera ma' aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), u jenħtieġ li jitqiesu l-attivitajiet tagħhom sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni sseħħ ukoll fuq livell internazzjonali mal-awtoritajiet u l-korpi rilevanti f'pajjiżi terzi u fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (7) L-użu ta' diversi sustanzi, jiġifieri l-użu fl-istess ħin ta' sustanza jew ta' tip ta' sustanza psikoattiva waħda jew aktar, kemm jekk leċiti kif ukoll jekk illeċiti, meta dawk is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi, qed isir dejjem aktar komuni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tindirizza dipendenzi oħrajn ibbażati fuq is-sustanzi meta dawk is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi billi tiżviluppa sistemi ta' monitoraġġ li jikkunsidraw, minflok ma jiffokaw biss fuq sustanza waħda, pereżempju l-eroina, ir-rwol importanti li għandu l-użu simultanju jew sekwenzjali ta' sustanzi oħrajn ukoll, bħal opjojdi mhux ikkontrollati jew mediċini użati ħażin.
- (8) Jenħtieġ li l-Aġenzija tiżviluppa l-attivitajiet tagħha madwar tliet oqsma ta' kompetenza ewlenin, jiġifieri l-monitoraġġ, li jwassal għal politiki informati aħjar; twissija bikrija u valutazzjoni tar-riskju, li jwasslu għal azzjonijiet informati aħjar; u l-iżvilupp tal-kompetenza, li jwassal għal reazzjonijiet aktar b'saħħithom mill-Unjoni għall-fenomenu tad-droga.
- (9) Jenħtieġ li l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tad-*data* jkomplu jkunu l-kompitu ewlieni tal-Aġenzija. Id-*data* standard tinġabar permezz tal-punti fokali nazzjonali, li jenħtieġ li jibqgħu wieħed mill-fornituri ewlenin tad-*data* għall-Aġenzija. Sorsi tad-*data* addizzjonali, eqreb lejn il-ħin reali, qed isiru dejjem aktar disponibbli permezz ta' metodi innovattivi għall-ġbir tad-*data*. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess

⁵ Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, https://european-union.europa.eu/sites/default/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_en.pdf.

għad-*data* kollha disponibbli biex tikseb stampa olistika tal-fenomeni tad-droga fl-Unjoni u l-fatturi esterni li jinfluwenzaw dan.

- (10) Ir-rekwiżiti tad-*data* tal-Aġenzija jenħtieġ li jkunu riflessi fil-punti fokali nazzjonali. Jenħtieġ li dawn jingħataw is-setgħa fi ħdan l-Istati Membri li jirċievu d-*data* rilevanti kollha mill-awtoritajiet nazzjonali differenti. Il-ġbir tad-*data* fl-Istati Membri jenħtieġ li jiġi ssimplifikat kemm jista' jkun biex jiġu evitati r-rapportar doppju u d-duplikazzjoni tal-isforzi.
- (11) Sabiex tiffaċilita u tistruttura l-ġbir tad-*data* u l-iskambju ta' informazzjoni, kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, u sabiex tappoġġa l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ integrata u interoperabbli li tippermetti monitoraġġ f'ħin reali, jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha soluzzjoni diġitali xierqa. Jenħtieġ li din tippermetti l-awtomatizzazzjoni tal-ġestjoni u l-iskambju tad-*data* u tal-informazzjoni. Jenħtieġ li tali soluzzjoni tiffaċilita wkoll il-monitoraġġ f'ħin reali tas-swieq tad-droga ffaċilitati mit-teknoloġija, inkluż id-darknet.
- (12) Sabiex l-Aġenzija tkun tista' tagħmel użu aħjar mill-informazzjoni li jkollha disponibbli, pereżempju, biex toħroġ miżuri aktar proattivi bħall-valutazzjonijiet tat-theddid, ir-rapporti strateġiċi tal-intelligence u t-twissijiet, u sabiex tittejjeb it-tnejn tal-Unjoni għal żviluppi futuri, jenħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità ta' monitoraġġ u analitika tal-Aġenzija.
- (13) Sabiex tittejjeb it-tnejn tal-Unjoni, huwa meħtieġ ukoll li jkun hemm stampa olistika tal-iżviluppi futuri potenzjali tal-fenomeni tad-droga. Sabiex tħejji lilha nnifisha u lil dawk li jfasslu l-politika għal tali żviluppi futuri, jenħtieġ li l-Aġenzija twettaq eżerċizzji ta' tbassir regolari, filwaqt li tqis il-megatendenzi, jiġifieri l-ixprunaturi fit-tul li huma osservabbli issa u li x'aktarx ikollhom influwenza sinifikanti fuq il-futur, bl-għan li jiġu identifikati sfidi u opportunitajiet ġodda biex jirrispondu għall-problemi tad-droga.
- (14) Il-fenomeni tad-droga qed isir dejjem aktar iffaċilitat mit-teknoloġija, kif reġa' ntwera matul il-pandemija tal-COVID-19, fejn ġiet osservata adozzjoni akbar ta' teknoloġiji ġodda biex tiġi ffaċilitata d-distribuzzjoni tad-droga. Huwa stmat li madwar żewġ terzi tal-offerti fis-swieq tad-darknet huma relatati mad-droga. In-negożjar tad-droga qed juża pjattaformi differenti, inklużi networks tal-media soċjali u applikazzjonijiet mobbli. Dan l-iżvilupp huwa rifless fir-reazzjonijiet għall-fenomeni tad-droga, b'użu akbar ta' applikazzjonijiet mobbli u interventi tas-saħħa elettronika. L-Aġenzija, flimkien ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi, jenħtieġ li timmonitorja tali żviluppi bħala parti mill-approċċ olistiku tagħha għall-fenomeni tad-droga.
- (15) Is-sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskji soċjali u għas-saħħa pubblika madwar l-Unjoni jenħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li dawn jiġu mmonitorjati u, sabiex ikun possibbli rispons rapidu, li tinżamm is-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE. L-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda u s-sistema ta' twissija bikrija għalihom, inklużi r-rapport inizjali u l-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi psikoattivi ġodda, ġew emendati reċentement u jenħtieġ li jibqgħu l-istess.
- (16) Abbażi tal-monitoraġġ imsaħħaħ mill-Aġenzija u l-esperjenza miksuba fil-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi psikoattivi ġodda, jenħtieġ li l-Aġenzija tiżviluppa kapaċitajiet ġenerali ta' valutazzjoni tat-theddid. Kapaċità aktar proattiva biex tidentifika malajr theddid ġdid u biex tinforma l-iżvilupp ta' kontromiżuri hija meħtieġa b'mod urġenti,

minħabba li n-natura dinamika tal-fenomeni modern tad-droga tfisser li l-isfidi relatati jistgħu jinfirxu malajr bejn il-fruntieri.

- (17) Billi s-sustanzi perikolużi jistgħu jwasslu għal ħsara għas-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' toħroġ twissijiet. Sabiex tappoġġa tali funzjoni, jenħtieġ li l-Aġenzija tiżviluppa sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga, aċċessibbli mill-awtoritajiet nazzjonali. Jenħtieġ li tali sistema tiffaċilita l-iskambju rapidu ta' informazzjoni li tista' tkun teħtieġ azzjonijiet rapidi biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tinforma mhux biss lill-awtoritajiet nazzjonali, iżda wkoll lill-utenti potenzjali ta' dawn is-sustanzi.
- (18) Il-prekursuri tad-droga huma sustanzi meħtieġa għall-produzzjoni ta' drogi bħall-amfetamini, il-kokaina u l-eroina. Hekk kif il-produzzjoni illegali tad-droga fl-Unjoni qed tiżdied, il-prevenzjoni tat-traffikar u d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga minn mezzi legali għall-produzzjoni illegali tad-droga jenħtieġ li tissaħħaħ. Sabiex tappoġġa dawk l-isforzi, jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha rwol li timmonitorja d-devjazzjoni u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga u li tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-prekursuri tad-droga.
- (19) Billi hemm ħtieġa dejjem tikber għal *data* forensika u tossikoloġika u għarfien espert speċjalizzat, u nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-laboratorji fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit laboratorju "virtwali", jiġifieri network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi b'għarfien fil-qasam tad-drogi u l-ħsarat relatati mad-droga. Dan il-laboratorju "virtwali" jenħtieġ li jippermetti lill-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni rilevanti, iżżid il-kapaċitajiet tagħha fil-qasam u tappoġġa l-iskambju tal-għarfien bejn il-laboratorji rilevanti fl-Istati Membri, mingħajr ma ggarra il-kostijiet għoljin biex toħloq u tmexxi l-laboratorju tagħha stess.
- (20) In-network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi jenħtieġ li jkun rappreżentattiv tal-Istati Membri billi jippermettilhom jaħtru żewġ laboratorji fin-network, li jkopru l-għarfien espert tossikoloġiku u forensiku. Sabiex tiġi żgurata l-usa' kopertura possibbli, jenħtieġ li l-esperti minn laboratorji oħrajn rilevanti għall-ħidma tal-Aġenzija, inkluż min-Network Ewropew tal-Laboratorji Doganali, jingħataw ukoll il-possibbiltà li jipparteċipaw fin-network. Tali kooperazzjoni tippermetti lil-laboratorji kollha involuti jitgħallmu minn xulxin f'oqsma differenti.
- (21) Sabiex tkabbar l-għarfien f'dan il-qasam u tappoġġa lill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Aġenzija tiddefinixxi u tiffinanzja proġetti rilevanti, bħall-iżvilupp ta' standards ta' referenza dwar drogi ġodda, l-elaborazzjoni ta' studji tossikoloġiċi jew farmakoloġiċi, u t-fassil ta' profili tad-droga. Tali approċċ jappoġġa l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-laboratorji rilevanti u jnaqqas il-kostijiet għal-laboratorji individwali.
- (22) Billi l-Aġenzija għandha aċċess għad-*data* u għall-esperjenza xjentifika meħtieġa biex tiżviluppa u tippromwovi strateġiji ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza, jenħtieġ li hija tkun involuta f'xogħol ta' prevenzjoni, b'mod partikolari fl-iskambju tal-aħjar prattiki u tar-riżultati tar-riċerka li jistgħu jiġu implimentati fil-prevenzjoni tad-droga, fil-prevenzjoni tal-kriminalità relatata mad-droga u fil-prevenzjoni ta' ħsarat relatati mad-droga, inkluża l-elaborazzjoni ta' standards ta' kwalità għall-prevenzjoni tad-droga (Standards ta' Kwalità Ewropej għall-Prevenzjoni tad-Droga) jew ta' kurrikulu li jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lil dawk li jfasslu l-politika bl-għarfien dwar l-aktar interventi u approċċi ta' prevenzjoni effettivi bbażati fuq l-evidenza (Kurrikulu tal-Unjoni Ewropea għall-Prevenzjoni).

- (23) Minħabba l-perspettiva tagħha fir-rigward tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tevalwa l-miżuri u t-taħriġ nazzjonali, pereżempju dwar il-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tal-ħsara u miżuri relatati oħrajn, fid-dawl tal-konformità tagħhom mal-aħħar sitwazzjoni xjentifika attwali u tal-utilità pprovata tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jew il-korpi professjonali rilevanti jingħataw il-possibbiltà li jużaw l-akkreditazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni bħala tikketta ta' kwalità għall-ħidma tagħhom.
- (24) Meta jitqies li l-Aġenzija għandha pożizzjoni unika fil-livell tal-Unjoni li tippermettilha tqabbel id-*data* u l-aħjar prattiki, jenħtieġ li l-Aġenzija tappoġġa l-evalwazzjoni u l-abbozzar ta' strateġiji nazzjonali dwar id-droga b'mod aktar strutturat madwar l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Aġenzija fl-ġhoti ta' taħriġ u appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' standards ta' kwalità u prattiki tajbin jenħtieġ li jissaħħaħ fid-dawl tal-ġharfien espert li żviluppat f'dawn l-oqsma.
- (25) Ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li jiġu definiti f'termini aktar ċari sabiex hija tkun tista' tinvolvi ruħha bis-sħiħ f'tali attivitajiet u tirrispondi għal talbiet minn pajjiżi u korpi terzi. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-Unjoni dwar id-drogi u r-rwol ta' tmexxija tal-Unjoni fil-livell multilaterali bħala mezz biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u koerenti tal-politiki tal-Unjoni dwar id-droga internament u fil-livell internazzjonali. Sabiex l-Aġenzija tkun tista' talloka livelli adegwati ta' riżorsi għal dan il-kompitu, jenħtieġ li l-ħidma fuq il-kooperazzjoni internazzjonali tkun parti mill-kompiti ewlenin tal-Aġenzija. Jenħtieġ li din tkun ibbażata fuq qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija, li jenħtieġ li jkun konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u li jenħtieġ li jiġi rivedut fuq bażi regolari biex jiġi żgurat li jkun jirrifletti b'mod adegwat l-iżviluppi internazzjonali.
- (26) Sabiex il-finanzjament tal-Unjoni għar-riċerka dwar is-sigurtà jiġi megħjun jiżviluppa l-potenzjal sħiħ tiegħu u jindirizza l-ħtiġijiet tal-politika dwar id-drogi, jenħtieġ li l-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni li huma rilevanti għall-oġettivi tal-Aġenzija. Meta l-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka u fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programm qafas tal-Unjoni, jenħtieġ li hija ma tirċevix finanzjament minn dak il-programm sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interess potenzjali. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Aġenzija tipparteċipa f'inizjattivi madwar l-Unjoni kollha li jindirizzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tiżgura li jiġu żviluppati t-teknoloġiji meħtieġa għall-attivitajiet tagħha u li dawn ikunu disponibbli għall-użu.
- (27) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jkun assistit minn Bord Eżekuttiv biex iħejji d-deċiżjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun immexxija minn Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li Kumitat Xjentifiku jkompli jassisti lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward ta' kwistjonijiet xjentifiċi rilevanti.
- (28) Jenħtieġ li l-punti fokali nazzjonali jkunu wieħed mill-fornituri ewlenin tad-*data* lill-Aġenzija. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-ħolqien tagħhom mill-Istati Membri u iċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-Aġenzija. Sabiex jiġi garantit il-funzjonament adegwat tal-punti fokali nazzjonali, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti fuq bażi permanenti, b'baġit iddedikat u ċertu grad ta' indipendenza fit-twettiq tal-funzjoni tagħhom.

- (29) Jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha u tingħata baġit awtonomu. Jenħtieġ li dan jiġi ffinanzjat prinċipalment minn kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċedura baġitarja tal-Unjoni tkun applikabbli sa fejn huma kkonċernati l-kontribuzzjoni tal-Unjoni u kwalunkwe sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet isir mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea.
- (30) It-tariffi jtejbu l-finanzjament ta' aġenzija u jistgħu jiġu kkunsidrati għal kwistjonijiet speċifiċi li jistgħu jiġu separati b'mod ċar mill-kompiti ewlenin tal-aġenzija. Kwalunkwe tariffa imposta mill-Aġenzija jenħtieġ li tkopri l-kostijiet tagħha biex tipprovdi s-servizzi rispettivi.
- (31) Jenħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv jippreżenta r-rapport annwali tal-Aġenzija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jistiednu lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar it-twettiq tal-kompiti tiegħu.
- (32) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ japplika għall-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun kemm jista' jkun trasparenti dwar l-attivitajiet tagħha, mingħajr ma tipperikola l-kisba tal-oġettiv tal-operazzjonijiet tagħha.
- (33) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)⁸, li magħhom diġà aderixxa ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, jenħtieġ li japplikaw għall-Aġenzija.
- (34) Sabiex tiġi kkontrollata u żgurata l-prestazzjoni tal-Aġenzija u li l-mandat tagħha jippermettilha twettaq l-attivitajiet neċessarji meħtieġa mis-suq tad-droga u l-iżviluppi tal-politika, jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni esterna tal-ħidma tal-Aġenzija fuq bażi regolari u li l-mandat tagħha jiġi adattat kif xieraq, jekk ikun meħtieġ.
- (35) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, ma' korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn u ma' korpi tekniċi rilevanti minn ġewwa u barra l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess għad-data u l-għodod kollha meħtieġa għat-twettiq tal-mandat tagħha.
- (36) L-Aġenzija tissostitwixxi u tissuċċedi ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga stabbilit bir-Regolament (KE) 1920/2016. Għalhekk, jenħtieġ li hija tkun is-suċċessur legali tal-kuntratti kollha tiegħu, inklużi l-kuntratti tax-xogħol, l-obbligi u l-proprjetajiet miksuba. Jenħtieġ li l-ftehimiet internazzjonali konklużi miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jibqgħu fis-seħħ.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁸ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

- (37) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' aġenzija biex tindirizza l-fenomeni tad-drogi, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

OBJETTIVI U KOMPITI ĠENERALI TAL-AĠENZIA

Artikolu 1

It-Twaqqif tal-Aġenzija

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi ("l-Aġenzija").
2. L-Aġenzija għandha tissostitwixxi u tissuċċedi ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1920/2006.

Artikolu 2

L-istatus ġuridiku u s-sede

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni b'personalità ġuridika.
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandha tgawdi mill-aktar kapaċità legali estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skont il-liġi nazzjonali. B'mod partikolari, hija għandha tkun tista' takkwista jew tiddisponi minn beni mobbli jew immobbli u tkun parti fi proċedimenti legali.
3. Is-sede tal-Aġenzija għandha tkun f'Liżbona, il-Portugall.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

- (1) "drogi" tfisser drogi kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI⁹;
- (2) "sustanzi psikoattivi ġodda" tfisser sustanzi kif definiti fil-punt 4 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI;
- (3) "użu ta' diversi sustanzi" tfisser l-użu fl-istess ħin ta' sustanza jew tip ta' sustanza psikoattiva waħda jew aktar, kemm jekk leċiti kif ukoll jekk illeċiti, meta dawk is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi;

⁹ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

- (4) “prekursuri tad-droga” tfisser sustanzi li huma kkontrollati u mmonitorjati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005¹¹;
- (5) “pajjiżi parteċipanti” tfisser l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 54;
- (6) “organizzazzjoni internazzjonali” tfisser organizzazzjoni u l-korpi subordinati tagħha regolati mil-liġi internazzjonali pubblika, jew kwalunkwe korp ieħor li huwa stabbilit minn ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar jew abbażi tiegħu;
- (7) “Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi” tfisser il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972¹², il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971¹³ u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta’ Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988¹⁴;
- (8) “Sistema tan-Nazzjonijiet Uniti” tfisser is-sistema ta’ mekkaniżmu ta’ kontroll stabbilita mill-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi.

Artikolu 4

Kompitu ġenerali tal-Aġenzija

L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha b’informazzjoni fattwali, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, twissija bikrija u valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni dwar id-drogi, id-dipendenza fuq id-droga, is-swieq tad-droga u l-konsegwenzi tagħhom, u tirrakkomanda azzjonijiet xierqa, konkreti u bbażati fuq l-evidenza dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi relatati fil-ħin.

Artikolu 5

Kompiti speċifiċi

1. Sabiex timplimenta l-kompitu ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti li ġejjin:
 - (a) kompiti ta’ monitoraġġ li għandhom jinkludu:
 - (1) il-ġbir ta’ informazzjoni u *data* skont l-Artikolu 6(1);
 - (2) it-tixrid ta’ informazzjoni u *data* skont l-Artikolu 6(5); u
 - (3) il-monitoraġġ tal-fenomeni tad-droga, li jinkludi d-dimensjoni tas-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika, skont l-Artikolu 7.
 - (b) kompiti ta’ thejjiġa li għandhom jinkludu:

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004. p. 1).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta’ Diċembru 2004 li jstabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta’ kummerċ fil-prekursuri ta’ drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1).

¹² United Nations Treaty Series, vol. 976, Nru. 14152.

¹³ United Nations Treaty Series, vol. 1019, Nru. 14956.

¹⁴ United Nations Treaty Series, vol. 1582, Nru. 27627.

- (1) l-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda u s-sistema ta' twissija bikrija għalihom, inkluża t-tħejjija ta' rapport inizjali u ta' valutazzjoni tar-riskju, skont l-Artikoli minn 8 sa 11;
- (2) il-valutazzjoni tat-theddid u t-tħejjija skont l-Artikolu 12;
- (3) l-istabbiliment u t-tħaddim ta' sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga skont l-Artikolu 13;
- (4) il-monitoraġġ tal-iżviluppi relatati mat-traffikar u d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prekursuri tad-droga skont l-Artikolu 14;
- (5) l-istabbiliment u t-tħaddim ta' network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi skont l-Artikolu 15;
- (c) kompiti ta' żvilupp tal-kompetenzi li għandhom jinkludu:
 - (1) l-iżvilupp, l-espansjoni u l-promozzjoni ta' programmi u kampanji ta' prevenzjoni madwar l-Unjoni skont l-Artikolu 16;
 - (2) l-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' miżuri nazzjonali skont l-Artikolu 17;
 - (3) appoġġ lill-Istati Membri skont l-Artikolu 18;
 - (4) taħriġ skont l-Artikolu 19;
 - (5) kooperazzjoni internazzjonali u assistenza teknika skont l-Artikolu 20;
 - (6) attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni skont l-Artikolu 21.
2. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tikkoordina, f'konsultazzjoni u b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti fil-pajjiżi parteċipanti, in-network imsemmi fl-Artikolu 31.
3. L-Aġenzija għandha tagħxi b'mod oġġettiv, imparzjali u xjentifikament rigoruż meta twettaq u timplimenta l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1.
4. L-Aġenzija għandha ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-azzjoni nazzjonali u tal-Unjoni fl-oqsma ta' attività tagħha u tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, ir-riċerkaturi, l-ispeċjalisti u dawk involuti fi kwistjonijiet relatati mad-droga f'organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi.
5. L-Aġenzija għandha tappoġġa lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, identifikati fl-istrateġiji applikabbli tal-Unjoni dwar id-drogi, fl-implimentazzjoni ta' dawk l-istrateġiji, kif xieraq.
6. Fit-twettiq u fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' torganizza laqgħat ta' esperti, tistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad hoc* u tiffinanzja proġetti, kif meħtieġ.
7. Fit-twettiq u fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkoopera b'mod attiv ma' aġenziji u korpi deċentralizzati oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Europol, l-Eurojust, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, sabiex tinkiseb l-effiċjenza massima fil-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rispons għall-fenomeni tad-drogi.
8. L-Aġenzija tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess u fil-mandat tagħha. L-allokazzjoni tar-riżorsi għal attivitajiet ta'

komunikazzjoni ma għandhiex tkun ta' detriment għall-eżerċitar effettiv tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jitwettqu f'konformità mal-pjanijiet ta' komunikazzjoni u tixrid rilevanti adottati mill-Bord tat-Tmexxija.

KAPITOLU II

MONITORAĠĠ

Artikolu 6

Il-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni u tad-data

1. L-Aġenzija għandha:
 - (a) tiġbor l-informazzjoni u d-*data* rilevanti kollha, inklużi l-informazzjoni u d-*data* kkomunikati mill-punti fokali nazzjonali, li jirriżultaw mir-riċerka, disponibbli minn sorsi miftuħa, u d-*data* li toħroġ minn sorsi tal-Unjoni, mhux governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti;
 - (b) tiġbor l-informazzjoni u d-*data* meħtieġa għall-monitoraġġ tal-użu ta' diversi sustanzi kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1);
 - (c) tiġbor l-informazzjoni u d-*data* disponibbli mill-punti fokali nazzjonali u mill-unitajiet nazzjonali tal-Europol dwar sustanzi psikoattivi ġodda u tikkomunika dik l-informazzjoni lill-punti fokali nazzjonali u lill-unitajiet nazzjonali tal-Europol, kif ukoll lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed;
 - (d) tiġbor u tanalizza l-informazzjoni u d-*data* dwar il-prekursuri tad-droga, id-devjazzjoni u t-traffikar tagħhom;
 - (e) twettaq u tikkummissjona riċerka u studji ta' monitoraġġ, sħarriġ, studji ta' fattibbiltà, u proġetti pilota meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha;
 - (f) tiżgura l-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tal-informazzjoni u tad-*data* fil-livell Ewropew billi tistabbilixxi indikaturi u standards komuni ta' natura mhux vinkolanti, li l-konformità magħhom tista' tkun irrakkomandata mill-Aġenzija, bil-ħsieb li tiġi żgurata uniformità akbar tal-metodi tal-kejl użati mill-Istati Membri u mill-Unjoni; b'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżviluppa l-għodod u l-istrumenti biex tgħin lill-Istati Membri jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki nazzjonali tagħhom u biex tgħin lill-Kummissjoni timmonitorja u tevalwa l-politiki tal-Unjoni.
 2. L-Aġenzija għandha tiġbor id-*data* nazzjonali rilevanti permezz tal-punti fokali nazzjonali. Hija għandha tikkooopera wkoll mill-qrib ma' organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, Ewropej u internazzjonali oħrajn li diġà għandhom informazzjoni ta' dan it-tip.
 3. L-Aġenzija għandha tiżviluppa, fil-mandat tagħha, metodi u approċċi għall-ġbir tad-*data*, inkluż permezz ta' proġetti ma' sħab esterni.
 4. L-Aġenzija tista' tiżviluppa s-soluzzjonijiet diġitali meħtieġa li permezz tagħhom l-informazzjoni u d-*data* jiġu ġestiti u skambjati b'mod awtomatiku.
- Jekk jiġu żviluppatti tali soluzzjonijiet diġitali, dawn għandhom:

- (a) jippermettu l-ġbir awtomatizzat tad-*data*, inkluża informazzjoni minn sorsi miftuħa, filwaqt li jżommu l-possibbiltà ta' forniment manwali tad-*data* disponibbli;
 - (b) japplikaw intelliġenza artifiċjali għall-validazzjoni, l-analiżi u r-rapportar awtomatizzat tad-*data*;
 - (c) jippermettu l-immaniġġjar kompjuterizzat u l-iskambju ta' informazzjoni, *data* u dokumenti.
5. L-Aġenzija għandha xxerred l-informazzjoni u d-*data* billi:
- (a) tagħmel l-informazzjoni li tipproduċi disponibbli għall-Unjoni, għall-Istati Membri u għal partijiet interessati oħrajn, inkluż fir-rigward ta' żviluppi ġodda u xejriet li qed jinbidlu;
 - (b) tiżgura t-tixrid wiesa' tal-analiżi, tal-konklużjonijiet u tar-rapporti tagħha;
 - (c) tiżgura t-tixrid wiesa' ta' *data* affidabbli, minbarra *data* kklassifikata u mhux ikklassifikata sensittiva, billi tippubblika, abbażi tad-*data* li hija tiġbor, rapport regolari dwar l-istat tal-fenomenu tad-drogi, inkluża *data* dwar xejriet emerġenti;
 - (d) tistabbilixxi u tagħmel disponibbli riżorsi miftuħa ta' dokumentazzjoni xjentifika u tassisti fil-promozzjoni ta' attivitajiet ta' informazzjoni;
 - (e) tipprovdi informazzjoni dwar l-istandards tal-kwalità, l-aħjar prattiki innovattivi u r-riżultati tar-riċerka li jistgħu jiġu implimentati fl-Istati Membri u tiffaċilita l-iskambju u l-implimentazzjoni ta' tali standards u prattiki.
6. L-Aġenzija ma għandha tiġbor l-ebda *data* li tagħmilha possibbli li jiġu identifikati individwi jew gruppi żgħar ta' individwi. Hija għandha toqgħod lura minn kwalunkwe trażmissjoni ta' informazzjoni relatata ma' individwi speċifiċi.

Artikolu 7

Monitoraġġ tal-fenomenu tad-droga

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja:
- (a) il-fenomenu tad-drogi fl-Unjoni b'mod olistiku, permezz ta' indikaturi epidemjoloġiċi u indikaturi oħrajn, li jkopru l-aspetti tas-saħħa, tas-sikurezza u tas-sigurtà, inkluża l-implimentazzjoni tal-istrateġiji applikabbli tal-Unjoni dwar id-drogi;
 - (b) ix-xejriet emerġenti fil-fenomenu tad-drogi fl-Unjoni u fuq livell internazzjonali sa fejn dawn ikollhom impatt fuq l-Unjoni; dan għandu jinkludi l-monitoraġġ tal-użu ta' teknoloġiji ġodda għas-servizzi tad-droga jew għat-traffikar tad-droga, u r-rabtiet ma' oqsma oħrajn ta' kriminalità, kif rilevanti;
 - (c) l-użu ta' diversi sustanzi u l-konsegwenzi tiegħu, b'mod partikolari l-implikazzjonijiet għall-politiki u r-reazzjonijiet li jinħolqu mill-interazzjoni bejn l-użu ta' drogi ma' sustanza jew tip ta' sustanza psikoattiva waħda jew aktar, kemm jekk leċiti kif ukoll jekk illeċiti; l-inklużjoni tar-riskji akbar ta' problemi tas-saħħa u soċjali, li jistgħu jsejtnu meta d-drogi u sustanzi psikoattivi oħrajn jiġu kkonsmati fl-istess ħin jew b'mod sekwenzjali f'perjodu ta' żmien qasir jew meta sustanzi differenti jiġu prodotti jew mibjugħa flimkien; il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-kawżi komuni tal-użu tad-droga u tad-

dipendenzi; u l-implikazzjonijiet għall-monitoraġġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki, li jinħolqu meta l-politiki u r-reazzjonijiet jimmiraw lejn sustanzi multipli b'mod olistiku;

- (d) problemi relatati mad-droga u s-soluzzjonijiet applikati, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki innovattivi u r-riżultati tar-riċerka;
 - (e) b'kooperazzjoni mal-Europol u bl-appoġġ tal-punti fokali nazzjonali u tal-unitajiet nazzjonali tal-Europol, is-sustanzi psikoattivi ġodda kollha li ġew irrapportati mill-Istati Membri;
 - (f) il-prekursuri tad-droga u t-traffikar u d-devjazzjoni tagħhom;
 - (g) il-politiki tal-Unjoni u nazzjonali dwar id-drogi, inkluż bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-evalwazzjoni indipendenti tagħhom;
 - (h) is-swieq tad-droga ffaċilitati mit-teknoloġija, b'kooperazzjoni mal-Europol fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom.
2. Abbażi tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha, l-Aġenzija għandha tidentifika l-aħjar prattiki innovattivi u tiżviluppahom aktar. L-Aġenzija għandha ttipprovdi u tikkondividi informazzjoni dwar l-aħjar prattiki innovattivi fl-Istati Membri u tiffaċilita l-iskambju ta' tali prattiki fost l-Istati Membri.
3. L-Aġenzija għandha twettaq eżerċizzji regolari ta' prospettiva, filwaqt li tqis l-informazzjoni disponibbli. Hija għandha tiżviluppa, fuq dik il-bażi, tbassir rilevanti għall-iżvilupp tal-politika futura dwar id-drogi.

KAPITOLU III

STAT TA' THEJJJA

Artikolu 8

Skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda u sistema ta' twissija bikrija għalihom

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-punt fokali nazzjonali tiegħu u l-unità nazzjonali tal-Europol tiegħu jipprovdu lill-Aġenzija u lill-Europol, b'kont meħud tal-mandati rispettivi tagħhom, bl-informazzjoni disponibbli dwar sustanzi psikoattivi ġodda fil-ħin u mingħajr dewmien bla bżonn.
- L-informazzjoni għandha tkun relatata mal-kxif u l-identifikazzjoni, l-użu u x-xejriet tal-użu, il-manifattura, l-estrazzjoni, id-distribuzzjoni u l-metodi ta' distribuzzjoni, it-traffikar, u l-użu kummerċjali, mediku u xjentifiku ta' dawk is-sustanzi u r-riskji potenzjali u identifikati maħluqa minnhom.
2. L-Aġenzija, b'kooperazzjoni mal-Europol, għandha tiġbor, tgħaqqad, tanalizza u tivvaluta l-informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda. Hija għandha tikkomunika din l-informazzjoni fil-ħin lill-punti fokali nazzjonali, lill-unitajiet nazzjonali tal-Europol, u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li ttipprovdihom kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' twissija bikrija.
- L-Aġenzija għandha tfassal ir-rapport inizjali jew ir-rapport inizjali kkombinat skont l-Artikolu 9 abbażi tal-informazzjoni miġbura skont l-ewwel subparagrafu.

Artikolu 9

Rapport inizjali

1. Meta l-Aġenzija, il-Kummissjoni jew il-maġġoranza tal-Istati Membri jqisu li l-informazzjoni kondiviża dwar sustanza psikoattiva ġdida miġbura fi Stat Membru wieħed jew aktar tagħti lok għal tħassib li s-sustanza psikoattiva ġdida tista' toħloq riskji għas-saħħa jew riskji soċjali fil-livell tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tfassal rapport inizjali dwar is-sustanza psikoattiva l-ġdida.
Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn bix-xewqa tagħhom li jtfassal rapport inizjali. Fejn tintlaħaq il-maġġoranza tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-Aġenzija kif xieraq u għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan.
2. Ir-rapport inizjali għandu jkun fih:
 - (a) indikazzjoni preliminari tan-natura, in-numru u l-iskala ta' inċidenti li juru problemi tas-saħħa u soċjali li fihom potenzjalment tista' tkun involuta s-sustanza psikoattiva l-ġdida, u x-xejriet tal-użu tas-sustanza psikoattiva l-ġdida;
 - (b) indikazzjoni preliminari tad-deskrizzjoni kimika u fiżika tas-sustanza psikoattiva l-ġdida u l-metodi u l-prekursuri użati għall-manifattura jew l-estrazzjoni tagħha;
 - (c) indikazzjoni preliminari tad-deskrizzjoni farmakoloġika u tossikoloġika tas-sustanza psikoattiva l-ġdida;
 - (d) indikazzjoni preliminari tal-involvement ta' gruppi kriminali fil-manifattura jew fid-distribuzzjoni tas-sustanza psikoattiva l-ġdida;
 - (e) informazzjoni dwar l-użu mediku fil-bniedem jew l-użu mediku veterinarju tas-sustanza psikoattiva l-ġdida, inkluż bħala sustanza attiva fi prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju;
 - (f) informazzjoni dwar l-użu kummerċjali u industrijali tas-sustanza psikoattiva l-ġdida, il-firxa ta' tali użu, kif ukoll l-użu tagħha għall-finijiet ta' riċerka xjentifika u ta' żvilupp;
 - (g) informazzjoni dwar jekk is-sustanza psikoattiva ġdida hijiex soġġetta għal xi miżura restrittiva fl-Istati Membri;
 - (h) informazzjoni dwar jekk is-sustanza psikoattiva l-ġdida hijiex attwalment jew kinitx qed tiġi vvalutata fi ħdan is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti;
 - (i) informazzjoni rilevanti oħra, fejn disponibbli.
3. Għall-fini tar-rapport inizjali, l-Aġenzija għandha tuża l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha.
4. Meta l-Aġenzija tqis li huwa meħtieġ, hija għandha titlob lill-punti fokali nazzjonali biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar is-sustanza psikoattiva l-ġdida. Il-punti fokali nazzjonali għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievu t-talba.
5. L-Aġenzija għandha, mingħajr dewmien żejjed wara l-bidu tat-tfassil tar-rapport inizjali skont l-ewwel paragrafu, titlob lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini biex tipprovdi informazzjoni dwar jekk, fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali, is-sustanza psikoattiva l-ġdida hijiex sustanza attiva fi:

- (a) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li jkun kiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq f'konformità mad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, mad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jew mar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷;
- (b) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li jkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq;
- (c) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tiegħu tkun ġiet sospiżja mill-awtorità kompetenti;
- (d) prodott mediċinali mhux awtorizzat għall-użu mill-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva 2001/83/KE jew fi prodott mediċinali veterinarju ppreparat b'mod estemporanju minn persuna awtorizzata biex tagħmel dan skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE;
- (e) prodott mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.

Meta l-informazzjoni tkun tirrigwardja awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija mill-Istati Membri, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu tali informazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fuq talba tagħha.

- 6. L-Aġenzija għandha, mingħajr dewmien żejjed wara l-bidu tat-tfassil tar-rapport inizjali skont l-ewwel paragrafu, titlob lill-Europol jipprovdi informazzjoni dwar l-involviment ta' gruppi kriminali fil-manifattura, id-distribuzzjoni u l-metodi ta' distribuzzjoni, u fit-traffikar tas-sustanza psikoattiva l-għdida, u fi kwalunkwe użu tas-sustanza psikoattiva l-għdida.
- 7. L-Aġenzija għandha, mingħajr dewmien żejjed wara l-bidu tat-tfassil tar-rapport inizjali skont l-ewwel paragrafu, titlob lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, liċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex jipprovdu l-informazzjoni u d-data għad-dispożizzjoni tagħhom dwar is-sustanza psikoattiva l-għdida.
- 8. Id-dettalji tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 għandhom jiġu regolati minn arranġamenti ta' ħidma. Tali arranġamenti ta' ħidma għandhom jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 53(2).

¹⁵ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

¹⁶ Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

¹⁸ Id-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' Prattika korretta ta' klinika fit-tweqqif ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 121, 1.5.2001, p. 34).

9. L-Aġenzija għandha tirrispetta l-kundizzjonijiet dwar l-użu tal-informazzjoni, li jiġu kkomunikati lill-Aġenzija, inklużi l-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għad-dokumenti, is-sigurtà tal-informazzjoni u tad-*data* u l-protezzjoni ta' *data* kunfidenzjali, inklużi *data* sensittiva u informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali ta' partijiet terzi.
10. L-Aġenzija għandha tissottometti r-rapport inizjali lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fi żmien ħames ġimgħat minn meta jsiru t-talbiet għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7.
11. Meta l-Aġenzija tiġbor informazzjoni dwar diversi sustanzi psikoattivi ġodda li hija tqis li għandhom struttura kimika simili, hija għandha tissottometti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri rapporti inizjali individwali, jew rapporti inizjali kkombinati li jitrattaw diversi sustanzi psikoattivi ġodda, diment li l-karatteristiċi ta' kull sustanza psikoattiva ġdida jiġu identifikati b'mod ċar, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jsiru t-talbiet għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7.

Artikolu 10

Proċedura u rapport tal-valutazzjoni tar-riskju

1. Fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi rapport inizjali kif imsemmi fl-Artikolu 9(10), il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija biex tivvaluta r-riskji potenzjali maħluqa mis-sustanza psikoattiva l-ġdida u biex tfassal rapport tal-valutazzjoni tar-riskju, fejn ikun hemm indikazzjonijiet fir-rapport inizjali li jagħtu lil dak li jkun x'jiġhem li s-sustanza tista' toħloq riskji severi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, riskji soċjali severi. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha titwettaq mill-Kumitat Xjentifiku.
2. Fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi rapport inizjali kkombinat kif imsemmi fl-Artikolu 9(11), il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija biex tivvaluta r-riskji potenzjali maħluqa minn diversi sustanzi psikoattivi ġodda bi struttura kimika simili u biex tfassal rapport ikkombinat tal-valutazzjoni tar-riskju, fejn jkun hemm indikazzjonijiet fir-rapport inizjali kkombinat li jagħtu lil dak li jkun x'jiġhem li s-sustanzi jistgħu jgħolqu riskji severi għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, riskji soċjali severi. Il-valutazzjoni tar-riskju kkombinata għandha titwettaq mill-Kumitat Xjentifiku.
3. Ir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju jew ir-rapport ikkombinat tal-valutazzjoni tar-riskju għandu jkun fih:
 - (a) l-informazzjoni disponibbli dwar il-proprjetajiet kimiċi u fiżiċi tas-sustanza psikoattiva ġdida u l-metodi u l-prekursuri użati għall-manifattura jew l-estrazzjoni tagħha;
 - (b) l-informazzjoni disponibbli dwar il-karatteristiċi farmakoloġiċi u tossikoloġiċi tas-sustanza psikoattiva ġdida;
 - (c) analiżi tar-riskji għas-saħħa assoċjati mas-sustanza psikoattiva l-ġdida, b'mod partikolari fir-rigward tat-tossiċità akuta u kronika tagħha, il-probabbiltà ta' abbuż, il-potenzjal li tipproduċi dipendenza, u l-effetti fiżiċi, mentali u komportamentali;
 - (d) analiżi tar-riskji soċjali assoċjati mas-sustanza psikoattiva l-ġdida – b'mod partikolari l-impatt tagħha fuq il-funzjonament soċjali, l-ordni pubbliku u l-attivitajiet kriminali, u l-involviment ta' gruppi kriminali fil-manifattura, fid-

- distribuzzjoni u fil-metodi ta' distribuzzjoni, u t-traffikar tas-sustanza psikoattiva l-ġdida;
- (e) l-informazzjoni disponibbli dwar il-firxa u x-xejriet tal-użu tas-sustanza psikoattiva l-ġdida, id-disponibbiltà tagħha u l-potenzjal għat-tixrid fl-Unjoni;
 - (f) l-informazzjoni disponibbli dwar l-użu kummerċjali u industrijali tas-sustanza psikoattiva l-ġdida, il-firxa ta' tali użu, kif ukoll l-użu tagħha għall-finijiet ta' riċerka xjentifika u ta' żvilupp;
 - (g) informazzjoni rilevanti oħra, fejn disponibbli.
4. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jivvaluta r-riskji maħluqa mis-sustanza psikoattiva ġdida jew mill-grupp ta' sustanzi psikoattivi ġodda.
Il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandhom, kull waħda, ikollhom id-dritt li jaħtru żewġ osservaturi.
 5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju abbażi tal-informazzjoni disponibbli u ta' kwalunkwe evidenza xjentifika rilevanti oħra. Huwa għandu jqis l-opinjoni kollha tal-membri tiegħu. L-Aġenzija għandha torganizza l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluża l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni futuri u l-istudji rilevanti.
 6. L-Aġenzija għandha tissottometti r-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju jew ir-rapport ikkombinat tal-valutazzjoni tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fi żmien sitt ġimgħat minn meta tirċievi t-talba mingħand il-Kummissjoni biex tfassal rapport tal-valutazzjoni tar-riskju.
 7. Malli tirċievi talba debitament motivata mill-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu għat-tlestija tal-valutazzjoni tar-riskju jew tal-valutazzjoni tar-riskju kkombinata biex tippermetti li jsiru riċerka u ġbir ta' *data* addizzjonali. Dik it-talba għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex titlesta l-valutazzjoni tar-riskju jew il-valutazzjoni tar-riskju kkombinata.
 8. L-Aġenzija għandha tipprovdi wkoll valutazzjonijiet tar-riskju rapidi u f'waqthom, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) .../... dwar theddid transfrontier serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, fil-każ ta' theddida msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament, fejn it-theddida taqa' taħt il-mandat tal-Aġenzija.

Artikolu 11

Esklużjoni mill-valutazzjoni tar-riskju

1. Ma għandha titwettaq l-ebda valutazzjoni tar-riskju meta s-sustanza psikoattiva l-ġdida tkun fi stadju avanzat ta' valutazzjoni fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri ladarba l-Kumitat Espert dwar id-Dipendenza fuq id-Droga tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa jkun ippubblika r-rieżami kritiku tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjoni bil-miktub, ħlief meta jkun hemm biżżejjed *data* u informazzjoni disponibbli li jissuġġerixxu l-ħtieġa għal rapport tal-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, li r-raġunijiet għalihom għandhom jiġu indikati fir-rapport inizjali.
2. Ma għandha titwettaq l-ebda valutazzjoni tar-riskju meta, wara valutazzjoni fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, ikun ġie deċiż li s-sustanza psikoattiva l-ġdida ma tiġix skedata, ħlief meta jkun hemm biżżejjed *data* u informazzjoni disponibbli li

jissuġġerixxu l-ħtieġa għal rapport tal-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, li r-raġunijiet għalihom għandhom jiġu indikati fir-rapport inizjali.

3. Ma għandha titwettaq l-ebda valutazzjoni tar-riskju meta s-sustanza psikoattiva l-ġdida tkun sustanza attiva fi:
 - (a) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li jkun kiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq f'konformità mad-Direttiva 2001/83/KE, mad-Direttiva 2001/82/KE jew mar-Regolament (KE) Nru 726/2004;
 - (b) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li jkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq;
 - (c) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem jew fi prodott mediċinali veterinarju li l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tiegħu tkun ġiet sospiża mill-awtorità kompetenti;
 - (d) prodott mediċinali fil-fażi ta' investigazzjoni kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/20/KE.

Artikolu 12

Valutazzjoni tat-theddid u tħejjija

1. L-Aġenzija għandha tiżviluppa kapaċità strateġika ta' valutazzjoni tat-theddid ġenerali biex tidentifika fi stadju bikri żviluppi ġodda tal-fenomeni tad-drogi li għandhom potenzjal li jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà u, billi tagħmel dan, tgħin biex tiżdied it-tħejjija tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jirrispondu għal theddid ġdid fil-ħin u b'mod effettiv.
2. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi sett ta' kriterji li għandhom jiġu evalwati meta tiġi skattata valutazzjoni tat-theddid.

Valutazzjoni tat-theddid tista' titnieda mill-Aġenzija fuq inizjattiva tagħha stess abbażi ta' valutazzjoni interna tas-sinjali li joħorġu minn monitoraġġ ta' rutina, riċerka jew sorsi oħrajn ta' informazzjoni xierqa. Tista' titnieda wkoll valutazzjoni tat-theddid fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji definiti.
3. Valutazzjoni tat-theddid għandha tikkonsisti f'evalwazzjoni rapida tal-informazzjoni eżistenti u, fejn meħtieġ, il-ġbir ta' informazzjoni ġdida permezz tan-networks ta' informazzjoni tal-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tiżviluppa metodi xierqa ta' valutazzjoni xjentifika rapida.
4. Ir-rapport tal-valutazzjoni tat-theddid għandu jiddeskrivi t-theddida identifikata, is-sitwazzjoni attwali bbażata fuq l-evidenza disponibbli, l-eżiti potenzjali fil-każ ta' ebda azzjoni, u jistabbilixxi għażliet għat-tħejjija u r-rispons li jistgħu jiġu adottati biex tittaffa t-theddida identifikata. Huwa jista' jkun fih ukoll miżuri ta' segwitu potenzjali li għandhom jiġu adottati. Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tat-theddid għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif xieraq.
5. L-Aġenzija għandha tikkooopera mill-qrib ma' aġenziji u korpi deċentralizzati oħrajn tal-Unjoni, ma' organizzazzjonijiet tal-Unjoni u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fit-twettiq ta' valutazzjoni tat-theddid billi tinvolvihom fil-valutazzjoni kif xieraq. Meta t-theddida potenzjali tkun diġà soġġetta għal analiżi

taħt mekkaniżmu ieħor tal-Unjoni, l-Aġenzija ma għandhiex twettaq valutazzjoni tat-theddid.

6. Bil-qbil tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha twettaq valutazzjonijiet tat-theddid fuq it-theddid relatat mad-droga li jirriżulta minn barra l-Unjoni, li għandu l-potenzjal li jkollu impatt fuq is-saħħa pubblika, is-sikurezza u s-sigurtà fl-Unjoni.

Artikolu 13

Sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema Ewropea rapida ta' twissija dwar id-droga.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Aġenzija bi kwalunkwe informazzjoni relatata mad-dehra ta' riskju serju dirett jew indirett relatat mad-droga għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza jew għas-sigurtà, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun utli għall-koordinazzjoni ta' rispons kull meta jsiru jafu b'tali informazzjoni, bħal:
 - (a) it-tip u l-orijini tar-riskju;
 - (b) id-data u l-post tal-avveniment li jinvolvi r-riskju;
 - (c) il-mezzi ta' esponiment, trażmissjoni jew tixrid;
 - (d) *data* analitika u tossikoloġika;
 - (e) il-metodi ta' identifikazzjoni;
 - (f) ir-riskji għas-saħħa pubblika;
 - (g) il-miżuri tas-saħħa pubblika implimentati jew li huma maħsuba li jittieħdu fil-livell nazzjonali;
 - (h) miżuri għajr dawk tas-saħħa pubblika;
 - (i) kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għar-riskju serju għas-saħħa inkwistjoni.
3. L-Aġenzija għandha tanalizza u tivvaluta l-informazzjoni u d-*data* disponibbli dwar riskji serji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tikkomplementahom bi kwalunkwe informazzjoni xjentifika u teknika li jista' jkollha disponibbli mis-sistema ta' twissija bikrija msemmija fl-Artikolu 8 u valutazzjonijiet tat-theddid oħrajn imwettqa f'konformità mal-Artikolu 12, minn aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni u minn organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. L-Aġenzija għandha tqis l-informazzjoni miksuba permezz tal-għodod tagħha għall-ġbir tad-*data* u mill-informazzjoni minn sorsi miftuħa.
4. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 3, l-Aġenzija għandha tipprovdi komunikazzjonijiet ta' riskju ta' twissija rapida mmirati jew notifikati ta' intelligence strateġika, jew it-tnejn, lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi l-punti fokali nazzjonali. Tali komunikazzjonijiet ta' riskju jew notifikati ta' intelligence strateġika jistgħu jipproponu għażliet ta' rispons, li l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw bħala parti mill-ippjanar ta' tħejjija tagħhom u mill-attivitajiet ta' rispons nazzjonali.
5. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Aġenzija bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex janalizzaw u jivvalutaw aktar ir-riskju, kif ukoll l-azzjonijiet implimentati jew il-miżuri meħuda wara li jirċievu n-

notifiki u l-informazzjoni mibgħuta taħt is-sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga.

6. L-Aġenzija għandha tikkooopera mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex tippromwovi l-koerenza meħtieġa fil-proċess ta' komunikazzjoni tar-riskju.
7. L-Aġenzija tista' tiftaħ il-parteċipazzjoni fis-sistema Ewropea ta' twissija dwar id-droga għal pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Dik il-parteċipazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-reċiproċità u għandha tinkludi miżuri ta' kunfidenzjalità ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Aġenzija.
8. L-Aġenzija tista' tiżviluppa sistema ta' twissija li permezz tagħha tista' tilħaq u tindirizza direttament lil persuni li jużaw jew potenzjalment jużaw id-drogi.

Artikolu 14

Prekursuri tad-drogi

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-iżviluppi relatati mat-traffikar u d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u fil-valutazzjoni tal-ħtieġa li żżid ma', tneħħi minn, jew tbiddel il-kategorija ta' sustanzi skedati u mhux skedati elenkati b'rabta mar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u mar-Regolament (KE) Nru 111/2005, inkluż fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-użi leċiti u illeċiti tagħhom.
2. L-Aġenzija għandha tħejji, fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni, rapport ta' valutazzjoni tat-theddid dwar il-prekursuri tad-droga.

Artikolu 15

Network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi partikolarment attivi fl-investigazzjonijiet forensiċi u tossikoloġiċi tad-drogi u tal-ħsarat relatati mad-droga.
2. In-network għandu jaġixxi primarjament bħala forum għall-ġenerazzjoni ta' *data* u għall-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi u xejriet ġodda, għall-organizzazzjoni ta' taħriġ biex tittejjeb il-kompetenza tal-esperti forensiċi tad-droga, għall-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' skemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u għall-appoġġ għall-armonizzazzjoni ulterjuri tal-ġbir tad-*data* u tal-metodi analitiċi.
3. Kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jaħtar, permezz tar-rappreżentant tiegħu fil-Bord tat-Tmexxija, żewġ laboratorji, wieħed li jispeċjalizza fl-analiżi forensika u ieħor li jispeċjalizza fit-tossikoloġija, bħala laboratorji rappreżentattivi nazzjonali għan-network. L-Aġenzija tista' tagħżel laboratorji jew esperti addizzjonali partikolarment attivi fl-investigazzjonijiet forensiċi u tossikoloġiċi tad-drogi u tal-ħsarat relatati mad-droga għal proġetti speċifiċi.
4. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għandu jkun membru tan-network u jirrappreżenta lill-Kummissjoni fin-network.
5. In-network għandu jikkooopera mill-qrib man-networks u l-organizzazzjonijiet eżistenti attivi f'dan il-qasam. In-network imsemmi fl-Artikolu 31 għandu jiġi informat regolarment dwar il-ħidma tan-network ta' laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi.

6. L-Aġenzija għandha tippresjedi n-network u ssejjaħ mill-inqas laqgħa waħda fis-sena. In-network jista' jiddeċiedi li joħloq gruppi ta' ħidma, li jistgħu jiġu ppreseduti minn membri tan-network.
7. In-network għandu jippermetti lill-Aġenzija jkollha aċċess għal-laboratorji forensiċi u tossikoloġiċi, inkluż għall-analiżi ta' sustanzi psikoattivi ġodda, fejn dan ikun meħtieġ.
8. L-Aġenzija għandha tiddefinixxi u tiffinanzja proġetti speċifiċi biex tavvanza n-network, kif xieraq u abbażi ta' regoli u proċeduri ċari u trasparenti, li jiġu definiti minn qabel mill-Aġenzija.
9. L-Aġenzija għandha toħloq bażi tad-*data* biex taħżen, tanalizza u tagħmel disponibbli l-informazzjoni u d-*data* miġbura jew iġġenerata min-network.

KAPITOLU IV

ŻVILUPP TAL-KOMPETENZI

Artikolu 16

Kampanji ta' prevenzjoni

1. L-Aġenzija għandha tfassal, tiżviluppa u tippromwovi programmi u kampanji madwar l-Unjoni kollha għall-prevenzjoni ta' problemi relatati mad-droga u s-sensibilizzazzjoni dwar l-effetti avversi tad-drogi.
2. Il-programmi u l-kampanji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konformi mal-orjentazzjonijiet politiċi stabbiliti fl-Istrateġija u fil-Pjan ta' Azzjoni applikabbli tal-UE dwar id-Drogi. Huma għandhom jindirizzaw dimensjonijiet importanti tal-fenomeni tad-droga, għandhom ikunu mmirati lejn gruppi speċifiċi u jiġu informati mill-ġbir tal-evidenza u l-aħjar Prattika tal-Aġenzija.
3. L-Aġenzija għandha tiżviluppa u tippromwovi l-implimentazzjoni ta' standards ta' kwalità għall-prevenzjoni tad-droga u tipprovdi jew tappoġġa t-taħriġ skont l-Artikolu 19.
4. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kampanji nazzjonali ta' prevenzjoni fil-qasam tal-mandat tagħha, inkluż l-iżvilupp ta' programmi ta' prevenzjoni mmirati lejn it-tnaqqis tal-kriminalità relatata mad-droga u l-prevenzjoni tal-isfruttament ta' individwi vulnerabbli fis-suq tad-droga.

Artikolu 17

L-akkreditazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' programmi nazzjonali

1. Fuq talba ta' awtorità nazzjonali ta' pajjiż parteċipanti jew ta' korp professjonali rilevanti, f'każijiet fejn il-pajjiż parteċipanti ma jkollu l-ebda korp simili ta' akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni, l-Aġenzija għandha tipprovdi akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni għall-programmi nazzjonali f'konformità mal-protokoll operattiv standard previst fil-paragrafu 3.
2. Qabel ma tagħti akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni lil programm nazzjonali, l-Aġenzija għandha tevalwa l-programm u tivvaluta jekk dan ikunx konformi mal-aħħar sitwazzjoni xjentifika attwali u jekk ikunx ġie pprovat li huwa utli biex jindirizza l-oġġettivi ddikjarati tagħha.

3. L-Aġenzija għandha tiżviluppa proċedura ta' akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni, li għandha tiġi stabbilita b'mod trasparenti mill-Aġenzija fi protokoll operattiv standard. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija għandu japprova l-protokoll operattiv standard u kwalunkwe bidla fih qabel l-applikazzjoni tiegħu.

Il-protokoll operattiv standard imsemmi fis-subparagrafu 1 jenħteġ li jkun fih mill-inqas:

- (a) kundizzjonijiet speċifiċi relatati mal-kapaċità u r-riżorsi tal-Aġenzija biex twettaq il-proċedura ta' akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni;
- (b) il-kriterji li skonthom il-programm nazzjonali se jiġi vvalutat fid-dawl tal-akkreditazzjoni jew taċ-ċertifikazzjoni u li jippermettu l-verifika tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2; il-programmi soġġetti għal akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas il-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tal-ħsara, u suġġetti relatati oħrajn;
- (c) id-dettalji tal-proċess ta' akkreditazzjoni jew ta' ċertifikazzjoni mwettaq mill-Aġenzija, inkluża l-għażla tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-perjodu ta' żmien għall-proċedura;
- (d) il-kundizzjonijiet għar-restrizzjoni, għas-sospensjoni jew għall-irtirar tal-akkreditazzjoni jew taċ-ċertifikazzjoni;
- (e) il-proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' appelli, inklużi, fejn xieraq, rimedji legali kontra deċiżjonijiet ta' akkreditazzjoni jew in-nuqqas tagħhom.

Artikolu 18

Appoġġ lill-Istati Membri

- 1. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Aġenzija tista' tappoġġa l-evalwazzjoni indipendenti tal-politiki tagħha dwar id-droga u l-iżvilupp ta' politiki dwar id-droga bbażati fuq l-evidenza f'konformità mal-istrateġiji applikabbli tal-Unjoni.
- 2. L-Aġenzija għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar id-droga, tal-istandards ta' kwalità u tal-aħjar prattiki innovattivi u għandha tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali.
- 3. Meta tiġi biex tappoġġa l-evalwazzjoni tal-politika, l-Aġenzija għandha taġixxi b'mod indipendenti u għandha tkun iggwidata mill-istandards xjentifiċi tagħha.

Artikolu 19

Taħriġ

L-Aġenzija għandha, fl-ambitu tal-mandat tagħha, f'konformità mar-riżorsi tal-persunal u baġitarji għad-dispożizzjoni tagħha u f'koordinazzjoni ma' aġenziji u korpi deċentralizzati oħrajn tal-Unjoni:

- (a) tipprovdi taħriġ u kurrikuli speċjalizzati f'oqsma ta' interess u rilevanza tal-Unjoni;
- (b) tipprovdi għodod relatati mat-taħriġ u sistemi ta' appoġġ maħsuba biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-għarfien madwar l-Unjoni kollha;

- (c) tassisti lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' inizjattivi ta' taħriġ u bini tal-kapaċità.

Artikolu 20

Kooperazzjoni internazzjonali u assistenza teknika

1. L-Aġenzija għandha:

- (a) tiżviluppa qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali, li għandu jiġi approvat mill-Bord tat-Tmexxija soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni, li għandu jiggwida l-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali;
- (b) tikkoopera b'mod attiv mal-organizzazzjonijiet u mal-korpi msemmija fl-Artikolu 53;
- (c) tappoġġa l-iskambju u t-tixrid tal-aħjar prattiki tal-Unjoni u tar-riżultati tar-riċerka li jistgħu jiġu implimentati fil-livell internazzjonali;
- (d) timmonitorja l-iżviluppi tal-fenomeni internazzjonali tad-droga li jistgħu joħolqu theddida għall-Unjoni, jew ikollhom implikazzjonijiet għaliha, permezz tal-monitoraġġ u l-analiżi tal-informazzjoni disponibbli minn korpi internazzjonali, awtoritajiet nazzjonali, sejbiet tar-riċerka u sorsi ta' informazzjoni rilevanti oħrajn;
- (e) tipprovdi *data* u analiżi dwar is-sitwazzjoni Ewropea tad-droga f'laqgħat internazzjonali u fora tekniċi xierqa, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u tappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fi djalogi internazzjonali dwar id-drogi;
- (f) tippromwovi l-inkorporazzjoni ta' *data* dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga miġbura fl-Istati Membri jew li toriġina mill-Unjoni fi programmi internazzjonali ta' monitoraġġ u kontroll tad-droga, b'mod partikolari dawk stabbiliti min-NU u mill-aġenziji speċjalizzati tagħha, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tat-trażmissjoni ta' informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Droga;
- (g) tappoġġa lill-Istati Membri fir-rapportar tal-informazzjoni rilevanti u fl-għoti tal-analiżi meħtieġa lis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluża s-sottomissjoni tad-*data* rilevanti kollha relatata ma' sustanza psikoattiva ġdida lill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Droga u l-Kriminalità u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;
- (h) tappoġġa lil pajjiżi terzi fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom dwar id-droga f'konformità mal-prinċipji tal-istrateġiji tal-Unjoni dwar id-droga, inkluż permezz tal-għoti ta' appoġġ għall-evalwazzjoni indipendenti tal-politiki tagħhom.

2. Il-qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun id-dokumenti ta' politika rilevanti tal-Unjoni u jikkunsidra l-iżviluppi tal-fenomeni tad-droga, b'mod partikolari r-rotot tat-traffikar u ż-żoni tal-produzzjoni tad-droga. Huwa għandu jistabbilixxi l-pajjiżi jew ir-reġjuni prijoritarji għall-kooperazzjoni u l-eżiti ewlenin tal-kooperazzjoni. L-Aġenzija għandha tevalwa u tirrevedi l-qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali regolarment.

3. L-Aġenzija għandha tittrasferixxi, fuq talba tal-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, l-għarfien espert tagħha u ttipprovdi assistenza teknika lil pajjiżi terzi.
L-assistenza teknika għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-istabbiliment jew il-konsolidazzjoni ta' punti fokali nazzjonali, ta' sistemi nazzjonali għall-ġbir tad-*data* u ta' sistemi nazzjonali ta' twissija bikrija, u sussegwentement tassisti fil-*ħolqien* u t-tisħiħ ta' rabtiet strutturali mas-sistema ta' twissija bikrija msemmija fl-Artikolu 8 u man-network imsemmi fl-Artikolu 31. Jekk il-pajjiż terz jitlob dan, l-Aġenzija tista' ttipprovdi ċertifikazzjoni għal dawn il-korpi nazzjonali.
4. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandha titwettaq f'konformità mal-Artikoli 53 u 54.

Artikolu 21

Riċerka u innovazzjoni

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' temi ta' riċerka ewlenin u fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi qafas tal-Unjoni għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li huma rilevanti sabiex hija twettaq il-kompitu ġenerali tagħha stabbilit fl-Artikolu 4. Meta l-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' temi ta' riċerka ewlenin u fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programm qafas tal-Unjoni, l-Aġenzija ma għandhiex tirċievi finanzjament minn dak il-programm.
2. L-Aġenzija għandha timmonitorja u tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni sabiex hija twettaq il-kompitu ġenerali tagħha stabbilit fl-Artikolu 4, tappoġġa l-attivitajiet relatati tal-Istati Membri, u timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħha rigward kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, inklużi l-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' algoritmi għall-iżvilupp tal-għodod. L-Aġenzija għandha xxerred ir-riżultati ta' dik ir-riċerka lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 49.
3. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal, u tipparteċipa fi, l-attivitajiet taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, jew kwalunkwe strument li jeħodlu postu, fil-qafas taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni.
4. L-Aġenzija tista' tippjana u timplimenta proġetti pilota rigward kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.
5. L-Aġenzija għandha tagħmel pubblika l-informazzjoni dwar il-proġetti ta' riċerka tagħha, inklużi l-proġetti ta' dimostrazzjoni, is-sħab tal-kooperazzjoni involuti u l-baġit tal-proġetti.
6. L-Aġenzija għandha toħloq bażi tad-*data* biex taħżen, tanalizza u tagħmel disponibbli programmi ta' riċerka relatati mad-droga.

KAPITOLU V

ORGANIZZAZZJONI TAL-AĠENZIJA

Artikolu 22

Struttura amministrattiva u manigjerjali

L-istruttura amministrattiva u maniġerjali tal-Aġenzija għandha tinkludi:

- (a) Bord tat-Tmexxija, li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24;
- (b) Bord Eżekuttiv, li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28;
- (c) Direttur Eżekuttiv, li għandu jeżerċita r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 29;
- (d) Kumitat Xjentifiku, li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30;
- (e) Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox) f'konformità mal-Artikolu 31.

Artikolu 23

Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, kollha bid-drittijiet tal-vot.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll:
 - (a) espert indipendenti wieħed partikolarment informat tajjeb fil-qasam tad-drogi maħtur mill-Parlament Ewropew, bid-dritt tal-vot;
 - (b) rappreżentant wieħed minn kull pajjiż terz, li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 54, mingħajr id-dritt tal-vot.
3. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu membru supplenti. Il-membri supplenti għandu jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu.
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tad-drogi u d-dipendenza fuq id-droga, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-partijiet kollha r-rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġhmlu sforzi biex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija. Il-partijiet kollha għandhom jimmiraw li jiksibu rappreżentanza bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-Bord tat-Tmexxija.
5. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden, bħala osservaturi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom tikkoopera l-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 53.
6. Il-mandat għall-membri u għall-membri supplenti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin. Dak it-terminu jista' jiġġedded.

Artikolu 24

Funzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu:
 - (a) jaġhti l-orjentazzjonijiet ġenerali għall-attivitajiet tal-Aġenzija;
 - (b) jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 35 qabel is-sottomissjoni tiegħu lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħha;
 - (c) jadotta, wara li jkun talab l-opinjoni tal-Kummissjoni, id-dokument uniku ta' programmazzjoni tal-Aġenzija b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot f'konformità mal-Artikolu 23;

- (d) jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot, il-baġit annwali tal-Aġenzija u jeżerċita funzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-baġit tal-Aġenzija skont il-Kapitolu VI;
- (e) jivvaluta u jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot, ir-rapport annwali konsolidat tal-attività dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u jibgħat kemm ir-rapport kif ukoll il-valutazzjoni tiegħu sal-1 ta' Lulju ta' kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport annwali konsolidat tal-attività għandu jkun disponibbli għall-pubbliku;
- (f) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 41;
- (g) jadotta strateġija kontra l-frodi, proporzjonata mar-riskji ta' frodi, filwaqt li jqis il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati;
- (h) jadotta strateġija għall-kisba ta' titjib fl-effiċjenza u sinerġiji ma' aġenziji u korpi deċentralizzati oħrajn tal-Unjoni;
- (i) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu, tal-membri tal-Bord Eżekuttiv, tal-Kumitat Xjentifiku u tan-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox), kif ukoll ta' esperti nazzjonali sekondati u membri tal-persunal oħrajn mhux impjegati mill-Awtorità kif imsemmi fl-Artikolu 44, u għandu jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;
- (j) jadotta l-protokoll operattiv standard imsemmi fl-Artikolu 17(3);
- (k) jadotta l-qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija msemmi fl-Artikolu 20(1) u l-programmi ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 20(3);
- (l) japprova l-livell ta' kofinanzjament minimu msemmi fl-Artikolu 32(7);
- (m) jadotta u jaġġorna regolarment il-pjanijiet ta' komunikazzjoni u tixrid imsemmija fl-Artikolu 5(8), abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet;
- (n) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu;
- (o) f'konformità mal-paragrafu 2, jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, is-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea fuq l-Awtorità mogħtija s-setgħa li tikkonkludi Kuntratt ta' Impjeg¹⁹ ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");
- (p) bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiddaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- (q) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u, fejn rilevanti, jiddeċiedi dwar estensjoni tal-mandat jew dwar tneħħija mill-kariga f'konformità mal-Artikolu 43;

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u li jistabbilixxi miżuri speċjali temporanjament applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1)

- (r) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li għandu jkun totalment indipendenti fil-qadi ta' dmirijietu;
 - (s) jaħtar il-membri tal-Kumitat Xjentifiku;
 - (t) japprova l-lista ta' esperti li għandha tintuża biex jiġi estiż il-Kumitat Xjentifiku f'konformità mal-Artikolu 10(4);
 - (u) jiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll mill-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom²⁰ u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²¹, kif imsemmi fl-Artikolu 48;
 - (v) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom, wara li jikkunsidra l-ħtiġijiet tal-attivitajiet tal-Aġenzija u filwaqt li jqis il-ġestjoni baġitarja tajba;
 - (w) jawtorizza l-konklużjoni tal-arranġamenti ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 53.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta, f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u abbażi tal-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Eżekuttiv u jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħtom din id-delega tas-setgħat tista' tiġi sospiża. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jissottodelega dawk is-setgħat.

Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu jirrikjedu dan, il-Bord tat-Tmexxija jista', permezz ta' deċiżjoni, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra mogħtija lid-Direttur Eżekuttiv u dawk is-setgħat li jkunu ġew sottodelegati minn dan tal-aħħar, u jeżerċitahom huwa stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal għajr id-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 25

Il-President tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu bi drittijiet tal-vot. Il-President u l-Viċi President għandhom jiġu eletti b'magħġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bordijiet tat-Tmexxija bid-dritt tal-vot.
2. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President jekk dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.
3. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat jista' jiġġedded darba. Madankollu, jekk is-sħubija tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data.

4. Il-proċedura dettaljata għall-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President għandha tiġi stabbilita fir-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 26

Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-President għandu jsejjaħ il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.
2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet, mingħajr id-dritt tal-vot.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza mill-inqas laqgħa ordinarja waħda fis-sena. Barra minn hekk, dan għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.
4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.
5. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jistgħu, soġġetti għar-regoli ta' proċedura tiegħu, jiġu assistiti fil-laqgħat minn konsulenti jew esperti.
6. L-Aġenzija għandha tipprovdi s-segretarjat għall-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 27

Regoli tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-votazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-punti (c) u (d) tal-Artikolu 24(1), l-Artikolu 25(1), l-Artikolu 43(8) u l-Artikolu 53(2), il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet minn maġġoranza tal-membri tiegħu bid-drittijiet tal-vot.
2. Kull membru bi drittijiet tal-vot għandu jkollu vot wieħed. Fl-assenza ta' membru bid-dritt tal-vot, il-membru supplenti tiegħu għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot.
3. Il-President u l-Viċi President għandhom jieħdu sehem fil-votazzjoni.
4. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux jieħu sehem fil-votazzjoni.
5. Ir-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' votazzjoni aktar dettaljati, b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi li fihom membru jista' jaġixxi f'isem membru ieħor.

Artikolu 28

Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu:
 - (a) jiddeċiedi dwar dawk il-kwistjonijiet previsti fir-regoli finanzjarji adottati skont l-Artikolu 41 li ma humiex riżervati għall-Bord tat-Tmexxija minn dan ir-Regolament;
 - (b) jiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-UPPE, kif imsemmi fl-Artikolu 48;

- (c) mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, kif stabbiliti fl-Artikolu 29, jimmonitorja u jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, bil-ħsieb li jsaħħaħ is-superviżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja.
2. Fejn meħtieġ, minħabba l-urġenza, il-Bord Eżekuttiv jista' jieħu ċerti deċiżjonijiet provviżorji minflok il-Bord tat-Tmexxija, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni amministrattiva, inkluża s-sospensjoni tad-delega tas-setgħat ta' awtorità tal-ħatra u kwistjonijiet baġitarji.
 3. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn żewġ membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija.
Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.
Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden osservaturi oħrajn sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu.
 4. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jintemm meta tintemm is-sħubija tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija.
 5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jorganizza mill-inqas żewġ laqgħat ordinarji fis-sena. Barra minn hekk, huwa għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu jew fuq talba tal-membri tiegħu.
 6. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'kunsens. Jekk il-Bord Eżekuttiv ma jkunx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Bord tat-Tmexxija.
 7. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Bord Eżekuttiv, inklużi r-regoli tal-votazzjoni għall-membri tiegħu.

Artikolu 29

Responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għat-tmexxija tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli lejn il-Bord tat-Tmexxija.
2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Bord Eżekuttiv, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fil-qadi ta' dmirijietu u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew minn xi korp ieħor.
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-qadi ta' dmirijietu meta jkun mistieden jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv biex jirrapporta dwar il-qadi ta' dmirijietu.
4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Aġenzija.
5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-Aġenzija kif imsemmi fl-Artikolu 5. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli sabiex:
 - (a) jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;

- (b) iħejji u jimplimenta d-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tat-Tmexxija;
 - (c) iħejji d-dokument uniku ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 35 u jissottomettih lill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;
 - (d) jimplimenta d-dokument uniku ta' programmazzjoni u jirrapporta lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-implimentazzjoni tiegħu;
 - (e) iħejji r-rapport annwali konsolidat tal-attività tal-Aġenzija, jippreżentah lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u għall-adozzjoni;
 - (f) jipproponi lill-Bord tat-Tmexxija l-livell ta' kofinanzjament minimu msemmi fl-Artikolu 32(7), jekk tali kofinanzjament ikun irid jingħata lill-punti fokali nazzjonali;
 - (g) jipproponi lill-Kummissjoni, wara li jikkonsulta mal-Bord tat-Tmexxija, l-ammont ta' tariffi f'konformità mal-Artikolu 37;
 - (h) iħejji pjan ta' azzjoni ta' segwitu b'rabta mal-konklużjonijiet ta' rapporti u evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll investigazzjonijiet mill-OLAF u mill-UPPE, kif imsemmi fl-Artikolu 48, u jirrapporta dwar il-progress darbejn fis-sena lill-Kummissjoni u regolarment lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Bord Eżekuttiv;
 - (i) jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi japplika miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, mingħajr ma jippreġudika l-kompetenza investigattiva tal-OLAF u tal-UPPE, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, billi jirkupra ammonti mħallsin b'mod żbaljat u, fejn ikun xieraq, billi jimponi penali amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissuażivi, inklużi penali finanzjarji;
 - (j) iħejji strateġiji kontra l-frodi u strateġiji ta' titjib fl-effiċjenza u sinerġiji għall-Aġenzija u jippreżentahom lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni;
 - (k) iħejji abbozz ta' regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija;
 - (l) iħejji abbozz tad-dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija u jimplimenta l-baġit tagħha.
6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jiġi lokalizzat membru wieħed jew aktar tal-persunal fi Stat Membru wieħed jew aktar bl-iskop li jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija b'mod effiċjenti u effettiv. Qabel ma jiddeċiedi li jistabbilixxi uffiċċju lokali, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni, tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Istat(i) Membru/i ospitanti kkonċernat(i). Id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-ambitu tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu fl-uffiċċju lokali b'tali mod li jiġu evitati l-kostijiet bla bżonn u d-duplikazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija. Jista' jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Istat(i) Membru/i ospitanti kkonċernat(i).

Artikolu 30

Kumitat Xjentifiku

1. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jikkonsisti f'mhux aktar minn ħmistax-il xjenzjat maħtura mill-Bord tat-Tmexxija fid-dawl tal-eċċellenza xjentifika tagħhom u l-indipendenza tagħhom, wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjoni ta' interess f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-proċedura tal-għażla għandha tiżgura li l-

oqsma speċjalizzati tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku jkopru l-aktar oqsma rilevanti marbuta mal-oġġettivi tal-Aġenzija.

2. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom għal perjodu ta' erba' snin, li għandu jkun jista' jiġġedded darba.
3. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu indipendenti u għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand xi gvern jew mingħand xi korp ieħor.
4. Meta membru ma jibqax jissodisfa l-kriterji ta' indipendenza, huwa għandu jinforma lill-Bord tat-Tmexxija. Inkella, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddikjara, fuq proposta ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' indipendenza u jirrevoka lill-persuna kkonċernata. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar membru ġdid għall-bqija tal-mandat f'konformità mal-proċedura għall-membri ordinarji.
5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jagħti opinjoni fejn previst f'dan ir-Regolament jew dwar kwalunkwe kwistjoni xjentifika li tikkonċerna l-attivitàjiet tal-Aġenzija, li l-Bord tat-Tmexxija jew id-Direttur Eżekuttiv jista' jissottomettilu. L-opinjoni jiet tal-Kumitat Xjentifiku għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija.
6. Għall-fini tal-valutazzjoni tar-riskji maħluqa minn sustanza psikoattiva ġdida jew minn grupp ta' sustanzi psikoattivi ġodda, il-Kumitat Xjentifiku jista' jiġi estiż kif jitqies meħtieġ mid-Direttur Eżekuttiv, filwaqt li jaġixxi fuq il-parir tal-President tal-Kumitat Xjentifiku, billi jiġu inklużi esperti li jirrappreżentaw l-oqsma xjentifiċi rilevanti għall-iżgurar ta' valutazzjoni bilanċjata tar-riskji maħluqa mis-sustanza psikoattiva l-ġdida. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jaħtar dawk l-esperti minn lista ta' esperti. Il-Bord tat-Tmexxija għandu japprova l-lista ta' esperti kull erba' snin.
7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jeleġġi President u Viċi President għad-durata tal-mandat tal-Kumitat Xjentifiku. Il-President jista' jipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.
8. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.
9. Il-lista tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandha ssir pubblika u għandha tiġi aġġornata mill-Aġenzija fuq is-sit web tagħha.

Artikolu 31

In-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (in-network Reitox)

1. L-Aġenzija għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha n-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (in-network Reitox). In-network Reitox għandu jikkonsisti fil-punti fokali nazzjonali maħtura f'konformità mal-Artikolu 32 u punt fokali għall-Kummissjoni.
2. In-network Reitox għandu jorganizza mill-inqas laqgħa ordinarja waħda fis-sena. Il-laqgħat jissejħu u jiġu ppreseduti mill-Aġenzija. Barra minn hekk, huwa għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-Kelliem tiegħu jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.
3. In-network Reitox għandu jeleġġi Kelliem u sa tliet Viċi Kelliema minn fost il-membri tiegħu. Il-Kelliem jirrappreżenta n-network Reitox mal-Aġenzija u jista' jipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 32

Punt Fokali Nazzjonali

1. Kull pajjiż parteċipanti għandu jaħtar punt fokali nazzjonali wieħed, stabbilit fuq bażi permanenti u b'mandat ċar, permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali jew kwalunkwe att legali ieħor li jkollu effett simili. Id-deżinjazzjoni tal-punt fokali nazzjonali u l-ħatra tal-kap tal-punt fokali nazzjonali, kif ukoll kwalunkwe bidla f'dawk il-ħatriet, għandhom jiġu kkomunikati lill-Aġenzija permezz tal-membri nazzjonali tal-Bord tat-Tmexxija.
2. L-awtorità nazzjonali responsabbli għandha tiżgura li l-punt fokali nazzjonali jiġi fdat bil-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 33(2). Il-kap tal-punt fokali nazzjonali għandu jirrappreżenta l-punt fokali nazzjonali fin-network Reitox.
3. Il-kap tal-punt fokali nazzjonali għandu jkun indipendenti mill-istruzzjonijiet mill-awtorità nazzjonali responsabbli fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu bħala kap tal-punt fokali nazzjonali.
4. Il-punt fokali nazzjonali għandu jippjana l-attivitajiet tiegħu permezz ta' pjan ta' ħidma annwali.
5. Il-punt fokali nazzjonali għandu jkollu fil-baġit tiegħu linja jew linji baġitarji (annwali) speċifiċi għall-monitoraġġ relatat mad-droga u għandu jirċievi appoġġ adegwat mingħand dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u riżorsi adegwati biex iwettaq il-kompiti tiegħu. F'dan ir-rigward, il-pajjiż parteċipanti għandu jgħammar lill-punt fokali nazzjonali b'riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti biex iwettaq il-mandat u l-kompiti tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 33(2), u jkollu tagħmir u faċilitajiet suffiċjenti biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' kuljum tiegħu. Jekk il-korp li jospita l-punt fokali nazzjonali jingħata kompiti u obbligi nazzjonali addizzjonali, għandhom ikunu disponibbli riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali.
6. Il-punt fokali nazzjonali jista' jirċievi kofinanzjament minimu tal-kostijiet ewlenin tiegħu permezz ta' għotja pprovduta mill-Aġenzija jekk jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi minn 1 sa 6. Sabiex jikseb dan il-kofinanzjament, il-punt fokali nazzjonali għandu jiffirma ftehim ta' għotja mal-Aġenzija fuq bażi annwali. Il-livell ta' kofinanzjament minimu għandu jiġi propost mid-Direttur Eżekuttiv, approvat mill-Bord tat-Tmexxija u rivedut regolarment. Jista' jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali mill-Aġenzija lill-punt fokali nazzjonali fuq bażi *ad hoc* għall-parteeipazzjoni fi proġetti speċifiċi u għat-twettiq tagħhom.
7. Il-punt fokali nazzjonali għandu jiġi ċċertifikat f'din il-funzjoni mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 34.

Artikolu 33

Kompiti tal-punti fokali nazzjonali

1. Il-punti fokali nazzjonali għandhom jiffurmaw l-interfaċċa bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-Aġenzija.
2. Il-punti fokali nazzjonali għandhom, bħala minimu:
 - (a) jikkoordinaw fil-livell nazzjonali l-attivitajiet relatati mal-ġbir u l-monitoraġġ ta' *data* relatata mad-droga;

- (b) jippromwovu u jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza fil-livell nazzjonali u jipparteċipaw fid-djalogi ta' politika nazzjonali;
- (c) jistabbilixxu jew jappoġġaw sistemi nazzjonali ta' kollaborazzjoni bejn il-politika dwar id-droga u politiki rilevanti oħrajn, inkluż fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi/tas-sigurtà u tal-politika tas-saħħa/soċjali, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fid-diversi oqsma;
- (d) jiġbru, janalizzaw u jinterpretaw b'mod oġġettiv fil-livell nazzjonali l-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-drogi, id-dipendenza fuq id-droga, is-swieq tad-droga, il-provvista tad-droga u kwistjonijiet relatati mal-kriminalità, kif ukoll dwar il-politiki u s-soluzzjonijiet applikati, meħtieġa sabiex l-Aġenzija tikkonforma mal-Artikolu 6. Meta jagħmel dan, il-punt fokali nazzjonali għandu jlaqqa' flimkien l-esperjenza minn setturi differenti – b'mod partikolari s-saħħa, il-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi – u jikkoopera ma' esperti u organizzazzjonijiet nazzjonali attivi fil-qasam tal-politika dwar id-drogi;
- (e) jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar id-drogi u l-użu tad-droga lill-awtoritajiet nazzjonali u jikkontribwixxu għar-rapportar lill-organizzazzjonijiet internazzjonali;
- (f) jappoġġaw l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' *data* epidemjoloġika biex jissokta r-rapportar f'waqtu tax-xejriet fl-użu tas-sustanzi;
- (g) jappoġġaw l-eżerċizzji *ad hoc* u mmirati ta' ġbir tad-*data* b'rabta mat-theddid ġdid għas-saħħa u s-sigurtà;
- (h) jipprovdu lill-Aġenzija b'informazzjoni dwar xejriet ġodda fl-użu ta' sustanzi psikoattivi eżistenti jew kombinamenti ġodda ta' sustanzi psikoattivi, li joħolqu riskju potenzjali għas-saħħa pubblika, kif ukoll informazzjoni dwar miżuri possibbli relatati mas-saħħa pubblika;
- (i) jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' indikaturi epidemjoloġiċi ewlenin rilevanti u settijiet ta' *data* rilevanti oħrajn, inklużi linji gwida għall-implimentazzjoni tagħhom bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni affidabbli u komparabbli fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 6;
- (j) jippromwovu l-użu tal-protokollu u l-istandards tal-ġbir tad-*data* maqbula fuq livell internazzjonali biex jimmonitorjaw id-drogi u tal-użu tad-droga fil-pajjiż;
- (k) jippreżentaw rapport annwali tal-attivitajiet lill-Aġenzija u lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali, inklużi dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali;
- (l) jikkompilaw inventarju aġġornat tas-sorsi nazzjonali ta' informazzjoni dwar id-droga;
- (m) iwettqu proċessi ta' rieżami bejn il-pari u mekkaniżmi oħrajn ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-dħul jew għall-ħruġ tad-*data* u japplikaw proċessi ta' kontroll tal-kwalità biex jiżguraw l-affidabbiltà tad-*data* u tal-informazzjoni miksuba;
- (n) jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali; u
- (o) jeżegwixxu strateġija ta' komunikazzjoni jew iwettqu attivitajiet oħrajn biex jippreżentaw l-informazzjoni tagħhom lill-professjonisti jew lill-pubbliku ġenerali.

3. Il-punt fokali nazzjonali għandu jkollu d-dritt li jiġbor mingħand awtoritajiet, korpi, aġenziji u organizzazzjonijiet nazzjonali oħrajn l-informazzjoni kollha li jkun jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mal-paragrafu 2. Il-punt fokali nazzjonali għandu jżomm network estensiv ta' sħab nazzjonali u fornituri tad-data għall-ġbir ta' tali informazzjoni.

Artikolu 34

Proċedura ta' ċertifikazzjoni għall-Punti Fokali Nazzjonali

1. Sa mhux aktar tard minn *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*, kull punt fokali nazzjonali għandu japplika għaċ-ċertifikazzjoni lill-Aġenzija.
2. L-Aġenzija għandha tiċċertifika kull punt fokali nazzjonali fil-funzjoni tagħha bħala punt fokali nazzjonali jekk tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 32 u tkun fdata bit-tweqqi tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 33.
Jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni ma tkunx tikkonċerna funzjonijiet oħrajn tal-korp li jospita l-punt fokali nazzjonali u l-istruttura ġenerali li fiha jkun inkorporat il-punt fokali nazzjonali.
3. Il-punt fokali nazzjonali għandu jipprovdi lill-Aġenzija l-informazzjoni rilevanti kollha biex juri li hemm konformità mal-Artikoli 32 u 33. Jekk ikun meħtieġ, l-Aġenzija għandha twettaq żjara mal-punt fokali nazzjonali.
4. Jekk punt fokali nazzjonali ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 32 jew ma jkunx fdat bit-tweqqi tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 33, l-Aġenzija għandha tipprovdi lista ta' rakkomandazzjonijiet lill-punt fokali nazzjonali u tiċċertifika l-punt fokali nazzjonali wara rivalutazzjoni biss ladarba jiġu rrispettati dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 35

Dokument uniku ta' programmazzjoni

1. Sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni li jkun fih programmazzjoni annwali u pluriennali, kif ukoll id-dokumenti kollha elenkati fl-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715²², abbażi ta' abbozz imressaq mid-Direttur Eżekuttiv, wara li jikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni, u b'rabta mal-programmazzjoni pluriennali, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew. Huwa għandu jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.
Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni għandu jsir definittiv wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali u, jekk ikun meħtieġ, għandu jiġi aġġustat kif xieraq.

²² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1).

2. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa għandu jkun fih ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokat i għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji tal-ibbaġitjar u tal-ġestjoni bbażati fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmi fil-paragrafu 4. Dan għandu jindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti.

Il-programmazzjoni annwali jew pluriennali għandha tinkludi l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali msemmi fl-Artikolu 20 u l-azzjonijiet marbuta ma' din l-istrateġija.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jemenda l-programm ta' ħidma annwali adottat meta l-Aġenzija tingħata kompitu għdid.

Kwalunkwe emenda sostanzjali għall-programm ta' ħidma annwali għandha tiġi adottata bl-istess proċedura bħal dik tal-programm ta' ħidma annwali inizjali. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelega lid-Direttur Eżekuttiv is-setgħa li jagħmel emendi mhux sostanzjali għall-programm ta' ħidma annwali.
4. Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jistabbilixxi l-programmazzjoni strateġika ġenerali, inklużi l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa għandu jistabbilixxi wkoll il-programmazzjoni tar-riżorsi, inklużi l-baġit pluriennali u l-persunal.

Il-programmazzjoni tar-riżorsi għandha tiġi aġġornata kull sena. Il-programmazzjoni strateġika għandha tiġi aġġornata meta jkun xieraq u, b'mod partikolari, biex jiġi indirizzat l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 51.
5. Il-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715.

Artikolu 36

Baġit

1. L-estimi tad-dħul u tal-infiq kollu għall-Aġenzija għandhom jitħejjew għal kull sena finanzjarja, b'mod li jkunu jikkorrespondu għas-sena kalendarja, u għandhom jintwerew fil-baġit tal-Aġenzija.
2. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun ibbilanċjat f'termini ta' dħul u ta' nfiq.
3. Mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħrajn, id-dħul tal-Aġenzija għandu jinkludi:
 - (a) kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri;
 - (c) it-tariffi mħallsa għal servizzi mogħtija f'konformità mal-Artikolu 37; u
 - (d) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mill-organizzazzjonijiet u l-korpi u mill-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikoli 53 u 54, rispettivament.
4. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tinkludi r-remunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u infrastrutturali u l-kostijiet operatorji. Il-kostijiet operatorji jistgħu jinkludu n-nefqa b'appoġġ għall-punti fokali nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 32(7).

Artikolu 37

Tariffi

1. L-Aġenzija tista' titlob ħlasijiet għal dawn li ġejjin:
 - (a) programmi ta' taħriġ;
 - (b) ċerti attivitajiet ta' appoġġ għall-Istati Membri li ma ġewx identifikati bħala prijetà, iżda li jistgħu jitwettqu b'mod li jkunu ta' benefiċċju jekk ikunu appoġġati minn riżorsi nazzjonali;
 - (c) programmi ta' bini tal-kapaċità għal pajjiżi terzi, li ma humiex koperti minn finanzjament iddedikat separat tal-Unjoni;
 - (d) iċ-ċertifikazzjoni tal-korpi nazzjonali stabbiliti f'pajjiżi terzi skont l-Artikolu 20(3);
 - (e) servizzi oħrajn li jaqgħu taħt il-mandat tagħha u mogħtija fuq talba ta' pajjiżi parteċipanti li jeħtieġu l-investiment ta' riżorsi bħala appoġġ għal attivitajiet nazzjonali.
2. Fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija għandu jistabbilixxi l-ammont tat-tariffi u l-mod kif jitħallsu.
3. It-tariffi għandhom ikunu proporzjonati għall-kostijiet tas-servizzi rilevanti kif ipprovduti b'mod kosteffettiv u għandhom ikunu biżżejjed biex ikopru dawk il-kostijiet. It-tariffi għandhom jiġu stabbiliti f'tali livell li jiġi żgurat li ma jkunux diskriminatorji u li jevitaw li jpoġġu piż finanzjarju jew amministrattiv żejjed fuq il-partijiet ikkonċernati.
4. Jenħtieġ li t-tariffi jiġu stabbiliti f'livell li jiġu evitati defiċit jew akkumulazzjoni sinifikanti ta' surplus fil-baġit. Jekk bilanċ pożittiv sinifikanti fil-baġit, li jirriżulta mill-forniment tas-servizzi koperti mit-tariffi, isir rikorrenti, reviżjoni tal-livell tat-tariffi, jew tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, għandha ssir obbligatorja. F'każ li jirriżulta bilanċ negattiv sinifikanti mill-forniment tas-servizzi koperti mit-tariffi, reviżjoni tal-livell tat-tariffi għandha ssir obbligatorja.

Artikolu 38

Stabbiliment tal-baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, u jibagħtu lill-Bord tat-Tmexxija.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' dak l-abbozz, jadotta abbozz provviżorju tal-istima tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara.
3. L-abbozz provviżorju tal-istima tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħat l-abbozz finali tal-istima lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dikjarazzjoni tal-estimi lill-awtorità baġitarja flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
5. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni l-estimi li hija tqis li huma neċessarji għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali, li hija

għandha tqiegħed quddiem l-awtorità baġitarja f'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

6. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għall-kontribuzzjoni lill-Aġenzija.
7. L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija.
8. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot. Huwa għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, huwa għandu jiġi aġġustat kif xieraq.
9. Għal kwalunkwe proġett ta' bini li x'aktarx ikollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-baġit tal-Aġenzija, japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715²³.

Artikolu 39

Implimentazzjoni tal-baġit

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.
2. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-awtorità baġitarja l-informazzjoni kollha rilevanti għall-proċeduri ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 51.

Artikolu 40

Preżentazzjoni tal-kontijiet u kwittanza

1. Sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.
2. Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Aġenzija għandha tibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.
3. Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija, ikkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri.
4. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija skont l-Artikolu 246 tar-Regolament Finanzjarju²⁴, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà tiegħu u jissottomettihom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija.
6. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu, sal-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

²³ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

²⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.
8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha sat-30 ta' Settembru. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat ukoll din it-tweġiba lill-Bord tat-Tmexxija.
9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 261(3) tar-Regolament Finanzjarju.
10. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

Artikolu 41

Regoli finanzjarji

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Huma ma għandhomx imorru lil hinn mir-Regolament Delegat (UE) 2019/715, sakemm tali tluq ma jkunx speċifikament meħtieġ għall-operat tal-Aġenzija u diment li l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

KAPITOLU VII

PERSUNAL

Artikolu 42

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u r-regoli adottati permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jidħlu fis-seħħ daww ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija.
2. Fejn timpjega persunal minn pajjiżi terzi wara l-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 54, l-Aġenzija għandha, fi kwalunkwe każ, tkun konformi mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 43

Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija skont il-punt (a) tal-Artikolu 2 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija, minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.
3. Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt mad-Direttur Eżekuttiv, l-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.

4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Sal-aħħar ta' dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni li tqis evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-Aġenzija.
5. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn ħames snin.
6. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu ġenerali.
7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss fuq deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.
8. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv abbażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.

Artikolu 44

Esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor

1. L-Aġenzija tista' tagħmel użu minn esperti nazzjonali sekondati jew minn persunal ieħor mhux impjegat mill-Aġenzija. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx japplikaw għal tali persunal.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fl-Aġenzija.

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 45

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-Aġenzija u għall-persunal tagħha.

Artikolu 46

Arranġamenti lingwistiċi

Id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1²⁵ għandhom japplikaw għall-Aġenzija.

Artikolu 47

Trasparenza

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

²⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

2. L-ipproċessar tad-*data* personali mill-Aġenzija għandu jkun soġġett għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, fi żmien sitt xhur mid-*data* tal-ewwel laqgħa tiegħu wara d-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 63, jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1725 mill-Aġenzija, inklużi dawk li jikkonċernaw il-*ħatra* ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-Aġenzija. Dawk il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti wara li ssir konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Artikolu 48

Il-ġlieda kontra l-frodi

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013²⁷ għall-Aġenzija.
2. L-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-OLAF sa sitt xhur mill-jum li fih jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, u għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness ta' dak il-Ftehim.
3. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditjar, abbażi ta' dokumenti u ta' żjarat fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand l-Aġenzija.
4. L-OLAF u l-UPPE jistgħu jwettqu investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxu jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mill-Aġenzija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁸.
5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi minn 1 sa 4, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikoli 53 u 54, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għotjiet u d-deċiżjonijiet ta' għotjiet tal-Aġenzija għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa espressament lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 49

Il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

²⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

1. L-Aġenzija għandha tadotta regoli ta' sigurtà ekwivalenti għar-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443²⁹ u 2015/444³⁰. Ir-regoli tas-sigurtà tal-Aġenzija għandhom ikopru, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħżin ta' tali informazzjoni.
2. L-Aġenzija tista' tiskambja biss informazzjoni klassifikata mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jew tikkondividi informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) ma' korp ieħor tal-Unjoni taħt il-qafas tal-Arranġamenti Amministrattivi. Kwalunkwe Arranġament Amministrattiv bħal dan għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' tali Arranġament Amministrattiv, kwalunkwe rilaxx *ad hoc* eċċezzjonali ta' IKUE lil dawk l-awtoritajiet għandu jkun soġġett għal deċiżjoni mid-Direttur Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Artikolu 50

Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tkun regolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.
2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tagħti sentenza skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tkun tinsab f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.
3. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija għandha, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mid-dipartimenti jew mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.
4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni f'tilwimiet fuq kumpens għad-danni msemmija fil-paragrafu 3.
5. Ir-responsabbiltà personali tal-persunal tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 51

Evalwazzjoni u rieżami

1. Mhux aktar tard minn *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = ħames snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 63]*, u kull 5 snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija b'raba mal-oġettivi, il-mandat, il-kompiti tagħha u l-post fejn tinsab f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu mmodifikati l-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

²⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

³⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

2. Fl-okkażjoni ta' kull tieni evalwazzjoni, għandu jkun hemm ukoll valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-Aġenzija b'kont meħud tal-oġettivi, il-mandat u l-kompiti tagħha, inkluża valutazzjoni ta' jekk il-kontinwazzjoni tal-Aġenzija tkunx għadha ġustifikata fir-rigward ta' dawn l-oġettivi, il-mandat u l-kompiti.
3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi.

Artikolu 52

Inkjesti amministrattivi

L-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom ikunu soġġetti għall-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew f'konformità mal-Artikolu 228 tat-TFUE.

Artikolu 53

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi oħrajn

1. L-Aġenzija għandha tfittex b'mod attiv li tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn, b'mod partikolari tal-Unjoni, kif ukoll ma' korpi tekniċi kompetenti fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' dawk il-korpi, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetenza ta' dawk il-korpi. Dawk l-arranġamenti ta' ħidma ma għandhomx ikopru l-iskambju ta' informazzjoni kklassifikata.
2. Tali arranġamenti ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' abbozz sottomess mid-Direttur Eżekuttiv u wara l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Meta l-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha ma' dawk l-arranġamenti ta' ħidma, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadottahom b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri bid-dritt tal-vot.
3. Emendi jew bidliet fl-arranġamenti ta' ħidma eżistenti, li huma limitati fl-ambitu u li ma jbidlux l-ambitu u l-intenzjoni ġenerali tal-arranġamenti ta' ħidma, jew tal-arranġamenti ta' ħidma tekniċi ma' korpi tekniċi oħrajn għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' abbozz sottomess mid-Direttur Eżekuttiv u wara informazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni.

Artikolu 54

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteciġazzjoni fil-ħidma tagħha ta' pajjiżi terzi li jkunu dahl fuq ftehimiet mal-Unjoni għal dan l-għan.
2. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom jiġu żviluppati arranġamenti li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, il-firxa u l-mod kif il-pajjiżi terzi kkonċernati għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-parteciġazzjoni fl-inizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-persunal, dawk l-arranġamenti ta' ħidma għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu konformi mar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 55

Konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

L-Aġenzija għandha żżomm djalogu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili attivi fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Artikolu 56

Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-operat

1. L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-Aġenzija fl-Istat Membru ospitanti u l-faċilitajiet li għandhom ikunu disponibbli minn dak l-Istat Membru flimkien mar-regoli speċifiċi applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għad-Direttur Eżekuttiv, għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija, għall-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru fejn tkun tinsab is-sede.
2. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aqwa kundizzjonijiet possibbli biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-Aġenzija, inklużi l-edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea u l-konnessjonijiet tat-trasport xierqa.

Artikolu 57

Suċċessjoni legali

1. L-Aġenzija kif stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkun is-suċċessur legali fir-rigward tal-kuntratti kollha konklużi minn, l-obbligazzjonijiet li jaqgħu fuq, u l-proprietajiet akkwistati minn, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1920/2006.
2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-forza legali tal-ftehimiet u l-arranġamenti konklużi miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 qabel *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*.

Artikolu 58

Arranġamenti tranżizzjonali li jikkonċernaw lill-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 għandu jkompli l-ħidma u l-funzjonament tiegħu abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 u tar-regoli stabbiliti skont dak ir-Regolament sakemm jinħatru r-rappreżentanti kollha tal-Bord tat-Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament.
2. Sa *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet tal-persuni li huma jkunu ħatru bħala membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija, f'konformità mal-Artikolu 23.

3. Il-Bord tat-Tmexxija stabbilit f'konformità mal-Artikolu 23 għandu jorganizza l-ewwel laqgħa tiegħu fi żmien xahar mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dik l-okkażjoni, huwa jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 59

Arranġamenti tranżizzjonali li jikkonċernaw lid-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga maħtur abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 għandu, għall-perjodu li jifdal tal-mandat tiegħu, jiġi assenjat ir-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv kif previst fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament. Il-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-kuntratt tiegħu għandhom jibqgħu l-istess.

Jekk il-mandat jintemm bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u d-data tal-applikazzjoni tiegħu, u jekk dak it-terminu ma jkunx diġà ġie estiż skont ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006, huwa għandu jiġi estiż awtomatikament sa *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*.

2. Jekk id-Direttur maħtur abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 ma jkunx lest jew ma jkunx jista' jaġixxi f'konformità mal-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija msemmi fl-Artikolu 23 għandu jaħtar Direttur Eżekuttiv interim biex jeżerċita d-dmirijiet assenjati lid-Direttur Eżekuttiv għal perjodu ta' mhux aktar minn 18-il xahar, sakemm issir il-ħatra prevista fl-Artikolu 43(2).

Artikolu 60

Arranġamenti tranżizzjonali li jikkonċernaw il-punti fokali nazzjonali

Sa *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 11-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*, il-membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jipprovi lill-Aġenzija bl-isem tal-istituzzjoni, li ġiet innominata bħala punt fokali nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 32(1), u bl-isem tal-kap tal-punt fokali nazzjonali. Dan jista' jieħu l-forma ta' ittra elettronika li tikkonferma l-istatus quo attwali.

Artikolu 61

Dispożizzjonijiet baġitarji tranżizzjonali

Il-proċedura ta' kwittanza fir-rigward tal-baġits approvati abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 għandha titwettagħ f'konformità mar-regoli stabbiliti mill-Artikolu 15 tiegħu.

Artikolu 62

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 jiġihassar minn *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

2. Ir-regoli u l-miżuri interni adottati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 għandhom jibqgħu fis-seħħ wara *[PO jekk jogħġbok daħħal id-*

data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament], sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Bord tat-Tmexxija fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 63

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Affarijiet Interni

Attività: Sigurtà

12 10 03: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

1.3. Il-proposta tirrigwardja

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁷⁴

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tar-reviżjoni mmirata tar-Regolament ta' stabbiliment huwa li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mgħammra kif xieraq biex tindirizza l-isfidi attwali u futuri maħluqa mid-drogi fl-UE, sabiex b'hekk l-aġenzija tkun tista' timplimenta azzjoni effettiva b'appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam ta' politika.

L-operazzjonijiet tal-EMCDDA juru ġestjoni finanzjarja tajba, minħabba li l-aġenzija għandha rekord storiku twil ta' implimentazzjoni eċċellenti tal-politika, b'99,9 % ta' implimentazzjoni tal-baġit kull sena, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti dwar il-legalità u r-regolarità. Il-persuni u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-ġestjoni u l-governanza tal-aġenzija jirċievu rapport tal-awditjar estern nadif kull sena. Barra minn hekk, ir-rapportar u r-risoluzzjonijiet mill-awtorità responsabbli jagħtu kwittanza lill-maniġment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenzija kull sena, filwaqt li jikkonfermaw prestazzjoni konsistentement tajba tal-aġenzija taħt il-mandat attwali tagħha.

Id-drogi illeċiti huma problema kumplessa ta' sigurtà u saħħa li taffettwa miljuni ta' nies fl-UE u globalment. Is-sitwazzjoni qed tiddeterjora, bil-volumi ta' kokaina u eroina introdotti fl-UE jinsabu fl-oġġla livell ta' kull żmien. L-użu tal-benzodiazepini qed jiżdied ukoll, li potenzjalment jirrifletti d-disponibbiltà għolja u l-kost baxx ta' dawn is-sustanzi, kif ukoll kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mal-pandemija.

Il-produzzjoni tad-drogi fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari d-drogi sintetiċi (amfetamini u ekstasi) isseħħ għall-konsum domestiku u għall-esportazzjoni. Is-suq tad-droga huwa stmat għal valur minimu fil-livell tal-konsumatur ta' EUR 30 biljun fis-sena u

⁷⁴

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

jibqa' l-akbar suq kriminali u sors kbir ta' introjtu għall-gruppi tal-kriminalità organizzata fl-UE.

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-Aġenzija⁷⁵ fl-2019. Hija kkonkludiet li hemm skonnessjoni dejjem akbar bejn il-kumplessità tal-fenomeni tad-droga kontemporanju u r-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija⁷⁶. Għalhekk, l-aġenzija ma hijiex konformi mal-kompiti taħt il-mandat attwali tagħha, minħabba li ma hijiex mgħammra biżżejjed biex tindirizza t-talbiet magħmula lilha mill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha b'mod effettiv. L-aġenzija ma rċeviet l-ebda żieda fir-riżorsi tagħha għajr il-korrezzjoni awtomatika ta' 2 % fil-passat reċenti, ħlief għal żieda ta' darba tal-finanzjament fil-baġit tal-2020 skont l-obbligi legali/kuntrattwali rilevanti minħabba varjabbli esterni kritiċi. L-għadd ta' membri tal-persunal impjegati kien stabbli.

Dawn l-iżviluppi jitolbu azzjoni effettiva fil-livell tal-UE. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 stabbilew il-qafas strateġiku. L-Istrateġija tistieden lill-Kummissjoni "biex tippreżenta proposta biex tirrevedi l-mandat tal-EMCDDA mill-aktar fis possibbli, biex tiżgura li l-aġenzija jkollha sehem aktar b'saħħtu fl-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri tal-fenomeni tad-droga". Il-proposta attwali għandha l-ħsieb li twettaq din it-talba, filwaqt li tagħgħorna l-mandat attwali kif ġej:

Mandat attwali		Objettivi speċifiċi tal-mandat rivedut
- Il-ġbir u l-analiżi tad- <i>data</i> eżistenti		3) L-istabbiliment ta' laboratorju forensiku u tossikoloġiku virtwali
- It-titjib tal-metodi ta' tqabbil tad- <i>data</i>	>>	4) Ir-rwol imsaħħaħ tal-Punti Fokali Nazzjonali ta' REITOX.
- Id-disseminazzjoni tad- <i>data</i>		
- Kooperazzjoni ma' korpi u organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u ma' pajjiżi terzi	>>	7) Kjarifika tad-dimensjoni internazzjonali
- Obbligi ta' informazzjoni	>>	5) Il-kompetenza mtejbja għall-kampanji ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni tar-riskju

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Filwaqt li tiddefinixxi seba' objettivi speċifiċi, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-loġika tal-intervent f'konformità mal-prinċipji tal-ibbaġitjar fl-entitajiet tal-UE. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ('legislative financial statement' - LFS) preżenti hija ġestjoni finanzjarja tajba, minħabba li tippreżenta l-eżitu ta' mmappjar bir-reqqa tar-riżorsi komplementari bil-ħsieb li jiġi estiż l-ambitu tal-attivitajiet tal-aġenzija.

1. Il-kopertura usa' ta' kwistjonijiet dwar l-użu polidroga

L-isfidi li joħorġu mill-interazzjoni bejn l-użu ta' aktar minn sustanza psikoattiva waħda jew tip wieħed ta' sustanza psikoattiva qed jiżdiedu, u dan jirrikjedi politiki u reazzjonijiet xierqa. Dawn l-isfidi

⁷⁵ Ir-raba' evalwazzjoni tal-EMCDDA, ref. COM(2019) 228.

⁷⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (tfassil mill-ġdid)

jinkludu r-riskji akbar ta' problemi tas-saħħa u soċjali, li jistgħu jseħħu meta sustanzi psikoattivi jiġu kkonsmati flimkien ma' drogi illeċiti fl-istess ħin jew b'mod sekwenzjali f'perjodu ta' żmien qasir. Bl-istess mod, huwa importanti li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn jiġu prodotti jew mibjugħa flimkien sustanzi differenti u li jiġu kkunsidrati l-kawżi komuni tal-użu tad-droga u tad-dipendenzi fuqha, kif ukoll l-implikazzjonijiet għall-monitoraġġ u l-iskambju tal-aħjar prattika mmirata lejn sustanzi multipli b'mod olistiku. B'hekk, l-għan ta' dan l-oġettiv speċifiku huwa li jiġi estiż l-ambitu tal-azzjoni tal-Aġenzija biex jiġu indirizzati dipendenzi oħrajn ibbażati fuq sustanzi meta dawn is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi illeċiti. Ir-reviżjoni għandha ttiprovdi wkoll definizzjoni aħjar tal-użu ta' diversi drogi u tirrikjedi li l-punti fokali nazzjonali jipprovdu lill-aġenzija b'rappor tar rilevanti, inkluża d-data.

2. Il-kapaċità mtejba għall-valutazzjoni tat-theddid

L-għan huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-theddid tal-Aġenzija, u l-kapaċità tagħha li tirreaġixxi għal sfidi ġodda. Ir-reviżjoni se tippermetti wkoll lill-Aġenzija ttiprovdi aktar appoġġ lill-Istati Membri.

3. L-istabbiliment ta' laboratorju forensiku u tossikoloġiku virtwali

L-għan huwa li jiġi stabbilit laboratorju virtwali, jiġifieri network speċjalizzat ta' xjenzi u laboratorji involuti f'analiżi forensika u tossikoloġika. Xorta se jkunu meħtieġa biżżejjed kompetenza u esperjenza xjentifiċi u tal-laboratorju fl-Aġenzija sabiex titmexxa l-ħidma tal-laboratorju virtwali. Network ta' laboratorji nazzjonali diġà eżistenti jkun ikkombinat ma' ċentru ta' kompetenza fl-Aġenzija, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni forensika u tossikoloġika kollha tkun disponibbli għall-Aġenzija.

4. Ir-rwol imsaħħaħ tal-Punti Fokali Nazzjonali ta' REITOX⁷⁷

Ir-rwol tan-network Reitox bħalissa huwa stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' stabbiliment. Dan huwa l-interfaċċa bejn l-Aġenzija u l-pajjiżi parteċipanti. Il-punti fokali nazzjonali ta' Reitox ilaqqgħu flimkien id-data ewlenija dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga, kif ukoll dwar il-politiki u s-soluzzjonijiet applikati. Din hija l-bażi għall-indikaturi u d-data ewlenin użati mill-Aġenzija. In-network Reitox huwa s-sors ewlieni ta' informazzjoni għall-Aġenzija. Madankollu, il-punti fokali nazzjonali ta' Reitox xi drabi jiffaċċjaw sfidi importanti f'termini ta' setgħat legali, riżorsi umani u finanzjarji, li qed ikollhom impatt fuq il-kwalità u t-twaqqit tad-data pprovduta. Għalhekk, l-għan huwa li l-Punti Fokali Nazzjonali jkunu jistgħu jiġbru u jipprovdu d-data rilevanti lill-Aġenzija. Ir-Regolament ta' stabbiliment rivedut se jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-istabbiliment u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-Aġenzija. Il-mandat tal-punti fokali nazzjonali għandu jirrifletti wkoll ir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija.

5. Il-kompetenza mtejba għall-kampanji ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni tar-riskju

L-għan huwa li l-Aġenzija tiġi pprovduta bil-kompetenza li taġixxi fuq l-analiżi tagħha u tiżviluppa kampanji ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll li toħroġ twissijiet f'każ li sustanzi partikolarment perikolużi jsiru disponibbli fis-suq.

6. Il-kapaċità mtejba fi kwistjonijiet ta' provvista u sigurtà

L-għan huwa li jiġi estiż il-mandat tal-Aġenzija biex tindirizza wkoll b'mod espliċitu l-kwistjonijiet tal-provvista tad-droga u tas-suq tad-droga, minħabba li din hija dimensjoni dejjem aktar importanti tal-fenomeni tad-droga. L-Aġenzija futura tal-UE dwar id-Droga għandha tkun kapaċi taġixxi b'mod effettiv f'dik id-dimensjoni.

7. Kjarifika tad-dimensjoni internazzjonali

⁷⁷ Reitox hija abbrevjazzjoni użata għan-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

Minkejja r-rikonoxximent internazzjonali tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza u l-involviment attiv tagħha fi kwistjonijiet internazzjonali, ir-Regolament ta' stabbiliment ma jiddefinixxi b'mod suffiċjenti r-responsabbiltajiet tal-Aġenzija f'dan il-qasam. L-Aġenzija teħtieġ mandat ċar biex tanalizza l-iżviluppi globali u l-iżviluppi f'pajjiżi terzi, li għandhom il-potenzjal li jaffettwaw lill-UE. Bil-fenomeni tad-droga jsir dejjem aktar globali fl-operat tiegħu, huwa importanti li jkun hemm fehim tajjeb tal-impatti tal-politiki dwar id-droga f'pajjiżi terzi fuq is-swieq tal-UE. Fir-rigward ta' kwistjonijiet fejn l-Aġenzija jkollha kompetenzi fuq livell tal-UE, jenħtieġ li hija tkun tista' tikkontribwixxi wkoll fuq livell internazzjonali. Dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar id-droga u r-rwol ta' tmexxija tal-UE fil-livell multilaterali. Jenħtieġ li dan iwassal għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-approċċ “*ad hoc*” u ta' “finanzjament tal-proġett” attwali, li jgħid li ostakoli għall-prestazzjoni tal-Aġenzija u li ma jippermettix lill-UE tlaħħaq bis-sħiħ mal-aspettattivi u l-impenji politiċi ta' kooperazzjoni akbar fil-qasam tad-droga ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, l-għan huwa li jiġi ċċarati l-kompiti tal-Aġenzija fir-rigward tad-dimensjoni internazzjonali, sabiex fil-mandat innifsu jiġi inklużi l-kompetenzi meħtieġa.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-awtoritajiet fl-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-UE, se jkunu l-benefiċjarji ewlenin tal-funzjonament imsaħħaħ tal-Aġenzija. Ir-reviżjoni tar-Regolament ta' stabbiliment tikkontribwixxi għal tnaqqis tal-piż amministrattiv u simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari fl-Istati Membri. Fost il-fatturi li jikkontribwixxu għal dan hemm ir-razzjonalizzazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni proposti tal-obbligi ta' rapportar fl-Istati Membri permezz tal-punti fokali nazzjonali, il-monitoraġġ tas-swieq tad-droga u ż-żamma ta' sistema ta' twissija bikrija u sistema ta' twissija dwar id-droga, l-organizzazzjoni tat-taħriġ, l-iżvilupp tal-aħjar prattiki, eċċ. Dan iwassal għal tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi fl-Istati Membri. Eżempju ieħor huwa li għandha tkun disponibbli informazzjoni aħjar mill-Aġenzija għall-benefiċċju mhux biss tal-UE, iżda wkoll tal-Istati Membri. L-Istati Membri weħidhom ma jkunx jistgħu jiġbru u janalizzaw id-*data* bl-istess mod, minħabba li ma għandhomx l-għarfien jew ir-riżorsi, jew minħabba li l-problema hija waħda transfruntiera. Dan l-aħħar element huwa wkoll argument għas-simplifikazzjoni amministrattiva, minħabba li l-ebda Stat Membru ma jista' jindirizza dawk il-kwistjonijiet waħdu u l-kooperazzjoni ma' bosta pajjiżi twassal għal piż amministrattiv għoli.

Mandat estiż tal-Aġenzija se jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-ekonomija u l-kompetittività, minn naħa waħda, u għall-isforz tal-infurzar tal-liġi, min-naħa l-oħra. Mandat imġedded se jippermetti lill-Aġenzija timplimenta attivitajiet li se jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali jmxxu programmi mmirati aħjar għall-prevenzjoni tad-droga u, b'hekk, indirettament, se jikkontribwixxi għal forza tax-xogħol aktar effettiva (jiġifieri prevenzjoni aħjar tad-droga se tnaqqas l-inkapaċità relatata max-xogħol marbuta mad-dipendenzi fuq id-droga). Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-isforzi tal-infurzar tal-liġi fit-tfixkil tal-attivitajiet ta' gruppi tal-kriminalità organizzata. Dawn huma impatti indiretti, li jkunu dovuti għal fehim aħjar tas-sitwazzjoni tad-droga. L-impatt ekonomiku dirett huwa fuq il-baġits tal-UE u dawk nazzjonali.

L-Aġenzija se tikkomplementa l-isforzi mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-Aġenzija se ttejjeb l-analiżi tal-provvista tad-droga fl-UE abbażi ta' informazzjoni aħjar dwar it-traffikar u l-produzzjoni tad-droga, u b'hekk tikkontribwixxi għal infurzar tal-liġi aktar effettiv u tappoġġa s-sigurtà interna tal-UE. Barra minn hekk, se jingħata aċċess imtejjeb għall-aħjar prattiki fil-qasam tad-domanda għad-droga u reazzjonijiet oħrajn fil-qasam tas-saħħa pubblika lill-benefiċjarji tas-servizzi tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-

Aġenzija se tagħti kontribut rilevanti għal azzjonijiet b'appoġġ għall-politiki dwar is-saħħa mentali fl-Istati Membri.

Ir-reviżjoni tal-mandat ikollha wkoll impatt ambjentali indirett. Il-produzzjoni tad-droga fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari tal-MDMA (ekstasi) u tal-(meta-) amfetamini, għandha impatt negattiv konsiderevoli fuq l-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward tad-dumping tal-iskart mill-produzzjoni tad-droga. Għarfin aħjar rigward il-metodi ta' produzzjoni u d-devjazzjoni tal-prekursuri jappoġġa l-ħidma tal-infurzar tal-liġi fl-iskoperta ta' laboratorji tad-drogi illeċiti u, sussegwentement, fit-tnaqqis tar-reati ambjentali.

Il-ħidma tal-Aġenzija tindirizza kwistjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali, eż. il-ħidma fuq alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi, il-ħidma fuq standards minimi ta' kwalità fit-tnaqqis tad-domanda għad-droga, l-aħjar prattiki dwar it-trattament u t-tnaqqis tal-ħsara. F'dak is-sens, huwa mistenni li l-allinjament mill-ġdid tal-funzjonament tal-Aġenzija għandu jkollu impatt indirett pożittiv fid-drittijiet fundamentali.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-għadd ta' pubblikazzjonijiet li jindirizzaw id-dipendenzi bbażati fuq is-sustanzi meta dawn is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi illeċiti fil-kuntest tal-użu ta' diversi sustanzi.

L-għadd ta' valutazzjonijiet ġenerali tat-theddid imwettqa mill-Aġenzija.

Il-laboratorju virtwali stabbilit u involut fil-ħidma regolari tal-Aġenzija.

L-għadd ta' twissijiet fil-livell tal-UE maħruġa.

L-għadd ta' kampanji żviluppati jew l-iżvilupp tagħhom appoġġat.

L-għadd ta' rapporti ta' intelligence dwar kwistjonijiet min-naħa tal-provvista pprovduti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

L-għadd ta' notifiċi lis-sistema ta' twissija bikrija tal-UE.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-ambitu tal-azzjoni tal-Aġenzija għandu jiġi estiż biex jiġu indirizzati dipendenzi oħrajn ibbażati fuq is-sustanzi meta dawn is-sustanzi jittieħdu flimkien ma' drogi illeċiti; ir-reviżjoni għandha tiċċara d-definizzjoni tal-użu polidroga. It-twessigħ immirat tal-mandat għandu jippermetti lill-punti fokali nazzjonali jipprovdu lill-aġenzija b'rapporatar komplementari, inkluża d-data.

Il-mandat tal-Aġenzija għandu jiġi estiż biex jindirizza b'mod espliċitu l-kwistjonijiet tal-provvista tad-droga u tas-suq tad-droga, minħabba li din hija dimensjoni dejjem aktar importanti tal-fenomeni tad-droga u Aġenzija tal-UE dwar id-Droga għandha tkun kapaċi tindirizza bis-siġġi dik id-dimensjoni.

Il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tat-theddid tal-Aġenzija jissaħħu u l-Aġenzija tipprovdi aktar appoġġ lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità tal-Aġenzija li tirreaġixxi għall-fenomeni tad-droga u għal sfidi ġodda.

Jiġi stabbilit laboratorju virtwali, jiġifieri network ta' laboratorji flimkien ma' ċentru ta' kompetenza fl-Aġenzija, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni forensika u tossikoloġika kollha tkun disponibbli għall-Aġenzija.

Ir-Regolament il-ġdid għandu jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-istabbiliment ta' punti fokali nazzjonali, li mbagħad għandhom jiġu ċċertifikati mill-Aġenzija. Il-mandat tal-punti fokali nazzjonali għandu jirrifletti r-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija.

L-Aġenzija għandu jkollha l-kompetenza li tiżviluppa kampanji ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll li tohrōg twissijiet f'każ li jkun hemm sustanzi partikolarment perikolużi disponibbli fis-suq.

Fir-rigward tad-dimensjoni internazzjonali, il-kompiti tal-Aġenzija jiġu ċċarati sabiex fil-mandat innifsu jiġu inklużi l-kompetenzi rilevanti.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

Il-fenomeni tad-droga qed jaffettwa lill-Ewropej kollha u huwa ta' natura transfruntiera, transkontinentali u multi-ġurisdizzjonali, b'mod partikolari fil-provvista tad-drogi u l-kriminalità organizzata assoċjata. L-isfidi komuni madwar l-Istati Membri huma numerużi, kemm min-naħa tas-saħħa kif ukoll tas-sigurtà, li l-Istati Membri jistgħu qatt jindirizzaw b'mod effettiv meta jaġixxu f'koordinazzjoni. Ma huwiex vijabbli li jiġi indirizzat il-fenomeni tad-droga fil-livell nazzjonali jew reġjonali/subnazzjonali hekk kif id-drogi jiċċaqilqu bejn il-fruntieri tal-Istat u l-kontinenti.

Mudell problematiku tas-saħħa jew tas-sigurtà li jinstab fi Stat Membru ħafna drabi jidher fi Stati Membri oħrajn. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew saħansitra l-aħjar Prattika nazzjonali ma jkunux jistgħu jindirizzaw l-aspetti transfruntiera tal-fenomeni tad-droga. Minħabba dan il-karattru tranżnazzjonali, hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

Din il-proposta leġiżlattiva tqis firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna u s-saħħa pubblika. Fir-rigward tal-politiki dwar id-drogi fis-sens aktar ristrett, din il-proposta leġiżlattiva tqis l-Istrateġija tal-UE dwar id-Droga 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni relatat. Hija tqis ukoll l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, kif ukoll diversi atti biex jiżdedu sustanzi mad-definizzjoni ta' drogi skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI. Barra minn hekk, din il-proposta leġiżlattiva tqis il-kooperazzjoni⁷⁸ tal-Aġenzija ma' korpi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), kif ukoll aġenziji oħrajn tal-UE.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Fir-rigward tal-innovazzjoni, din il-proposta leġiżlattiva tqis il-finanzjament tal-UE għall-politika dwar id-droga taħt Orizzont 2020, il-Fond għas-Sigurtà Interna, l-Inizjattivi tal-Politika dwar id-Droga taħt il-Programm Ġustizzja u l-programm ġdid ta' riċerka Orizzont Ewropa. Fir-rigward tas-saħħa pubblika, din il-proposta leġiżlattiva tqis l-istabbiliment ta' sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons b'rabta ma'

⁷⁸ Pereżempju, ir-rapport ewlieni dwar id-drogi fil-livell tal-UE - ir-Rapport tal-UE dwar is-Swieq tad-Droga – jinħareġ b'mod konġunt mill-EMCDDA u mill-Europol. Eżempju ieħor jinkludi l-kooperazzjoni mal-Aġenziji rilevanti tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni dwar it-taħriġ għall-infurzar tal-liġi dwar id-droga u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew fil-kuntest tal-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal sustanzi psikoattivi ġodda.

thedd id transfruntier serju għas-saħħa u l-proposti għall-bidliet fil-mandati ta' xi wħud mill-aġenziji msemmija hawn fuq. Hija kkunsidrat ukoll l-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA). Fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' pajjiżi terzi, din il-proposta leġiżlattiva tqis il-politiki esterni tal-Unjoni.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli fil-QFP 2014-2020, minkejja mandat estiż wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-2017 dwar sustanzi psikoattivi ġodda u ż-żieda inevitabbli tal-kostijiet operatorji tal-Aġenzija.

It-tabelli tal-QFP 2021-2027 għal kontribuzzjoni stabbli tal-UE lill-Aġenzija, b'persunal stabbli u indiċjar annwali ta' 2 %.

Ir-reviżjoni proposta għandha l-intenzjoni li timmodernizza r-Regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, li ma ġiex immodifikat mill-2006, u li tiċċara xi wħud mid-dispożizzjonijiet eżistenti tiegħu. Hija se żżid ukoll kompiti ġodda, li huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-iżviluppi reċenti fil-politika dwar is-swieq tad-droga. Tabilħaqq, il-mandat attwali tal-Aġenzija ma jirriflettix ir-realtà attwali tal-fenomeni tad-droga. Għalhekk, l-aġenzija ma hijiex konformi mal-kompiti li Aġenzija li tiffunzjona b'mod effettiv hija meħtieġa li twettaq sabiex tindirizza l-isfidi tal-fenomeni tad-droga tal-lum u, b'hekk, sabiex tirrispondi b'mod effettiv għat-talbiet magħmula lilha mill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha.

Minħabba li l-proposta għandha testendi l-mandat tal-Aġenzija u se tiċċara wkoll kompiti oħrajn, biex b'hekk testendi l-kapaċitajiet tal-Aġenzija skont it-termini tat-trattati.

Hija ġestjoni finanzjarja tajba li l-livell tar-riżorsi jiġi allinjat ma' mandat rivedut. Il-proposta jeħtieġ li tiġi appoġġata minn riżorsi finanzjarji u persunal addizzjonali, meta mqabbla mar-riżorsi allokat li fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali adottat għall-2021-2027.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ durata limitata

- ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2024 sal-2027, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁷⁹

☐ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni permezz ta'

- ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☒ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

- ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

- ☐ lill-korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- ☐ lill-korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Il-linja bażi għall-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Droga ġiet identifikata abbażi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali adottat għall-2021-2027, u abbażi tal-iskeda informattiva nru 68⁸⁰.

Sabiex jiġu żgurati l-aħjar leġġibilità u trasparenza, l-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva leġiżlattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa flimkien mal-kontribuzzjoni bażi tal-UE għall-Aġenzija kif stabbilit fil-QFP 2021-2027 (huma indikati biss il-kostijiet addizzjonali mqabbla mal-linja bażi, mhux il-kostijiet kumulattivi, sakemm ma jkunx speċifikat b'mod ċar mod ieħor).

⁷⁹ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

⁸⁰ Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati u l-UPPE, it-8 ta' Ġunju 2020

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-proposta għandhom isegwu l-prinċipji deskritti fir-Regolament tal-EMCDDA⁸¹, fir-Regolament Finanzjarju⁸² u f'konformità mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati⁸³.

B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tibgħat kull sena lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Dokument Uniku ta' Programmazzjoni ('Single Programming Document' - SPD) li jkun fih programmi ta' ħidma annwali u pluriennali u programmazzjoni tar-riżorsi. L-SPD għandu jstabbilixxi l-oġġettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-kisba tal-oġġettivi u tar-riżultati. L-Aġenzija għandha tissottometti Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività lill-bord tat-tmexxija. Dan ir-rapport jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-kisba tal-oġġettivi u tar-riżultati stabbiliti fl-SPD. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tibda regolarment evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija b'rabta mal-oġġettivi, il-mandat, il-kompiti tagħha u l-post fejn tinsab (kull 6 snin fir-Regolament preċedenti, kull 5 snin fil-proposta attwali). Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.

Ir-raba' evalwazzjoni saret fl-2018/19. Hija kkonkludiet li l-Aġenzija taħdem tajjeb b'mod ġenerali, speċjalment fir-rigward tal-ħames kriterji tal-evalwazzjoni (ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE), iżda li huwa meħtieġ titjib f'diversi oqsma, b'mod partikolari fid-dawl tal-aħħar żviluppi fil-fenomeni tad-droga. Din l-aħħar evalwazzjoni hija wieħed mill-fatturi li wasslu għal din il-proposta, li tirrevedi l-mandat tal-Aġenzija.

Minbarra dan il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tislet *data* permezz tar-rappreżentanza tagħha fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u permezz tas-superviżjoni tagħha, flimkien mal-Istati Membri, tal-ħidma tal-Aġenzija.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Meta jitqies li l-proposta tħalli impatt fuq il-kontribuzzjoni annwali tal-UE lill-Aġenzija, il-baġit tal-UE se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta.

⁸¹ Ir-Regolament (UE) 2017/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93. Dan l-att ta' stabbiliment tfassal mill-ġdid fl-2006 permezz tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006, li ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 2017/2101 permezz tal-integrazzjoni tar-regoli rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda.

⁸² Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) - <https://www.emcdda.europa.eu/system/files/publications/1013/financial-regulation-emcdda-Jun2019.pdf>

⁸³ https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

Skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-baġit tal-EMCDDA għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti⁸⁴. Għalhekk, l-EMCDDA huwa marbut li jimplimenta strateġija ta' kontroll xierqa kkoordinata fost id-diversi parteċipanti meħtieġa mir-regolament finanzjarju tal-UE.

Fir-rigward tal-kontrolli ex post, l-EMCDDA, bħala aġenzija deċentralizzata, hija soġġetta għal:

- awditu intern mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.
- rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jagħtu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u l-leġalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.
- kwittanza annwali mogħtija mill-Parlament Ewropew.
- l-investigazzjonijiet possibbli mwettqa mill-OLAF sabiex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li r-riżorsi allokat li lill-aġenziji jintużaw kif suppost.

Bħala DG sieħeb għall-Aġenzija, id-DG HOME se jimplimenta l-Istrateġija ta' Kontroll tiegħu fuq l-aġenziji deċentralizzati sabiex jiżgura rapportar affidabbli fil-qafas tar-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu. Filwaqt li l-aġenziji deċentralizzati għandhom responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, id-DG HOME huwa responsabbli għall-ħlas regolari tal-kontribuzzjonijiet annwali stabbiliti mill-Awtorità Baġitarja.

Fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew jipprovdi saff ieħor ta' kontroll u responsabbiltà.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

L-Aġenzija timplimenta standards ta' kontroll intern ('internal control standards' - ICS) u Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) speċifiku, li t-tnejn jirriżultaw mill-prinċipji u l-linji gwida stipulati mill-Kummissjoni Ewropea. L-ICS u l-QKI jikkostitwixxu l-bażi għall-valutazzjoni tal-effettività tas-sistema ta' kontroll intern fl-Aġenzija.

Il-QKI jikkonsisti f'ħames komponenti interrelatati u 17-il prinċipju mmirati biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli b'rabta ma': 1. l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet; 2. l-affidabbiltà tar-rapportar; 3. is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni; 4. il-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' frodi u irregolaritajiet; 5. il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-leġalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Il-proċess ta' ġestjoni tar-riskju huwa element ċentrali fis-sistema ta' kontroll intern u regolarment isir eżerċizzju komprensiv ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju mmirat lejn it-titjib tal-ġestjoni tar-riskju fl-Aġenzija. Ir-reġistru ċentrali tar-riskju jiġi aġġornat regolarment. Dan ir-reġistru jidentifika, għal kull qasam, il-livell ta' riskju, l-impatt u r-rispons stmati; il-miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ bħalissa; u l-lista ta' programmi, proġetti u azzjonijiet li se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-livelli ta' riskju residwu pendenti. Il-valutazzjoni tar-riskju titwettaq kontinwament fl-Aġenzija matul is-sena kollha, filwaqt li saret analiżi komprensiva mill-maniġers fil-kuntest tat-tnejn tad-dokumenti uniċi ta' programmazzjoni.

Barra minn hekk, id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività – jew ir-Rapport Ġenerali tal-Attivitajiet – irid ikun fih informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta'

⁸⁴ F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-EMCDDA, l-Artikolu 30 "Kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit"

kontroll intern, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju. Ir-Rapport tal-2020 jindika li s-sistema ta' kontroll intern kollha kemm hi ġiet ivvalutata bħala kompletament effettiva u li tiffunzjona tajjeb.

Bħala aġenzija deċentralizzata, l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tal-EMCDDA huma kkontrollati wkoll, fost l-oħrajn, mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mis-Servizz tal-Awditjar Intern.

Fl-aħħar nett, bħala DG sieħeb tal-Aġenzija, id-DG HOME jmexxi eżerċizzju annwali ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jidentifika u jivvaluta r-riskji għolja potenzjali relatati mal-operazzjonijiet tal-aġenziji, inkluż l-EMCDDA. Ir-riskji kkunsidrati bħala kritiċi jiġu rrapportati kull sena fil-pjan ta' ġestjoni tad-DG HOME u jiġu akkumpanjati minn pjan ta' azzjoni li jiddikjara l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (il-proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli/il-valur tal-fondi relatati ġestiti” huwa rapportat mill-Kummissjoni. Ir-RAA tal-2020 tad-DG HOME jirrapporta 0,21 % għal dan il-proporzjon b'rabta mal-Entitajiet Fdati b'Ġestjoni Indiretta u mal-Aġenziji Deċentralizzati, inkluż l-EMCDDA.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet annwali tal-EMCDDA għall-2020, li jimplikaw rata ta' żball ta' inqas minn 2 %. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rata ta' żball se tmur għall-agħar fis-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, l-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju tal-EMCDDA jipprevedi l-possibbiltà li l-Aġenzija tikkondividi kapaċità tal-awditjar intern ma' korpi oħrajn tal-Unjoni li jiffunzjonaw fl-istess qasam ta' politika jekk il-kapaċità tal-awditjar intern ta' korp uniku tal-Unjoni ma tkunx kosteffettiva.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra huma deskritti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Aġenzija u taħt it-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija.

L-EMCDDA jimplimenta strateġija speċifika kontra l-frodi li tirrifletti l-metodoloġija u l-gwida tal-OLAF, f'konformità mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE. L-EMCDDA beda jirrevedi l-Istrateġija Kontra l-Frodi tiegħu bħala segwitu għar-reviżjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea tagħha stess fl-2019. Il-ħidma hija mistennija li titwettaq matul l-2021.

L-Aġenzija timplimenta wkoll politika speċifika għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, li qieset ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin indirizzati lill-aġenziji f'dan il-qasam mill-Parlament Ewropew, mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mill-Ombudsman tal-UE u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.

Fir-Rapport Ġenerali tal-Attivitajiet tagħha tal-2020, l-Aġenzija tirrapporta li ma kien hemm l-ebda każ ta' frodi sa mill-ħolqien tagħha. Għalhekk, il-grad ta' esponiment tal-EMCDDA għar-riskju ta' frodi jista' ġeneralment jitqies bħala relattivament imnaqqas.

Fl-aħħar nett, bħala DG sieħeb, id-DG HOME żviluppa u implimenta l-istrateġija kontra l-frodi tiegħu stess abbażi tal-metodoloġija pprovduta mill-OLAF. L-aġenziji deċentralizzati, inkluż l-EMCDDA, jaqgħu fl-ambitu tal-istrateġija. Fir-RAA tiegħu tal-2020, id-DG HOME kkonkluda li kellu assigurazzjoni raġonevoli li l-miżuri kontra l-frodi fis-seħħ kienu effettivi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ⁸⁵	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁸⁶	mill-pajjiżi kandidati ⁸⁷	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
5	12 10 03	Diff./Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

⁸⁵ Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

⁸⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁸⁷ Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża
---	-------	----------------------------------

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Droga			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Titolu 1:	Impenji	(1)					
	Pagamenti	(2)					
Titolu 2:	Impenji	(1a)					
	Pagamenti	(2a)					
Titolu 3:	Impenji	(3a)					
	Pagamenti	(3b)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Droga	Impenji	=1+1a +3a	14,137	15,634	16,376	16,784	62,931
	Pagamenti	=2+2a +3b	14,137	15,634	16,376	16,784	62,931

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
DĠ: PAĠNA EWLENJA						
• Riżorsi Umani		0,152	0,152	0,152	0,152	0,608
• Nefqa amministrattiva oħra		0,110	0,110	0,110	0,110	0,440
TOTAL TAD-DĠ HOME	Appropriazzjonijiet	0,262	0,262	0,262	0,262	1,048

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0,262	0,262	0,262	0,262	1,048
--	---	-------	-------	-------	-------	--------------

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Total tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI minn 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	14,399	15,896	16,638	17,046	63,979
	Pagamenti	14,399	15,896	16,638	17,046	63,979

3.2.2. Impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet tal-[korp]

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ appoprjazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġx l-użu ta’ appoprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-impatt finanzjarju stmat tal-inizjattiva leġiżlattiva jinkludi biss ir-riżorsi meħtieġa minbarra l-kontribuzzjoni bażi tal-UE għall-EMCDDA (il-kostijiet addizzjonali mqabbla mal-linja bażi – QFP 2021-2027).

Appoprjazzjonijiet ta’ impenn f’ miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l- objettiv i u l- outputs	Tip ⁸⁸	Kost medj u	Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		TOTAL	
			Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
↓												
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 Il-kopertura usa’ ta’ kwistjonijiet dwar l-użu polidroga												
- Output	L-għadd ta’ pubblikazzjoniji et li jindirizzaw dipendenzi lil hinn mid-drogi illeċiti fil- kuntast tal-użu ta’ diversi sustanzi			1,676		1,858		1,834		1,903		7,271
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1				1,676		1,858		1,834		1,903		7,271
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Il-kapaċità mtejbja għall-valutazzjoni tat-theddid												

⁸⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

- Output	L-għadd ta' valutazzjonijiet ġenerali tat-theddin imwettqa mill-			1,838		2,053		3,035		3,142		10,068
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 2				1,838		2,053		3,035		3,142		10,068
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3 L-istabbiliment ta' laboratorju forensiku u tossikoloġiku virtwali												
- Output	Il-laboratorj u virtwali stabbilit u involut fil-ħidma regolari tal-Aġenzija.			5,277		4,735		3,916		3,916		17,845
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 3				5,277		4,735		3,916		3,916		17,845
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4 Ir-rwol imsaħħaħ tal-punti fokali nazzjonali ta' REITOX												
- Output	L-għadd ta' twissijiet fil-livell tal-UE maħruġa.			0,800		0,800		0,800		0,800		3,200
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 4				0,800		0,800		0,800		0,800		3,200
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 5 Il-kompetenza mtejba għall-												

kampanji ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni tar-riskju												
- Output	L-għadd ta' kampanji żviluppati jew l-iżvilupp tagħhom appoġġat.			0,200		1,069		1,138		1,176		3,583
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 5				0,200		1,069		1,138		1,176		3,583
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 6 Il-kapaċità mtejbja fi kwistjonijiet ta' provvista u sigurtà												
- Output	L-għadd ta' rapporti ta' intelligenze dwar kwistjonijiet min-naħa tal-provvista pprovduti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.			3,577		3,804		4,161		4,406		15,949
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 6				3,577		3,804		4,161		4,406		15,949
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 7 Kjarifika tad-dimensjoni												

internazzjonali												
- Output	L-għadd ta' notifikis-sistema ta' twissija bikrija tal-UE.			0,769		1,314		1,490		1,440		5,014
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 7				0,769		1,314		1,490		1,440		5,014
KOST TOTALI				14,137		15,634		16,376		16,784		62,931

3.2.3. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-[korp]*

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

Aġenti temporanji – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022) ⁸⁹	10,524	10,524	10,524	10,524	42,095
Aġenti temporanji – Addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi (kumulattiva)	0,900	2,423	3,254	3,600	10,178
Aġenti temporanji - TOTAL ⁹⁰	11,424	12,947	13,778	14,124	52,273
Persunal bil-kuntratt – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022)	2,540	2,540	2,540	2,540	10,160
Persunal bil-kuntratt – Addizzjonali meta mqabbel mal-linja bażi (kumulattiva)	-	0,037	0,261	0,485	0,784
Persunal bil-kuntratt - TOTAL	2,540	2,577	2,801	3,025	10,944
Esperti Nazzjonali Sekondati – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022) – l-ebda SNE addizzjonali	0,078	0,078	0,078	0,078	0,313

TOTAL tal-persunal kollu	14,042	15,603	16,658	17,228	63,530
---------------------------------	--------	--------	--------	--------	---------------

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
--	--------------	--------------	--------------	--------------

Aġenti temporanji – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022)	76	76	76	76
--	----	----	----	----

⁸⁹ Il-livelli tal-persunal indikati fl-Abbozz tal-Baġit 2022, bis-suppożizzjoni li l-persunal se jibqa' stabbli sal-2024, ikkalkolati abbażi tal-kostijiet unitarji medji tal-persunal li għandhom jintużaw għal LFS, indiċjati għall-koeffiċjent ta' korrezzjoni għall-Portugall (91,1 %).

⁹⁰ F'dan l-istadju ma huwiex possibbli li tiġi pprovduta l-allokazzjoni dettaljata bejn l-aġent temporanju – AD u l-aġenti temporanji – AST. L-estimi tal-kostijiet għall-persunal saru abbażi tal-kostijiet medji għall-aġent temporanju, indiċjati għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni għall-Portugall (91,1 %).

Aġenti temporanji – Addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi (kumulattiva)	13	22	25	27
Aġenti temporanji - TOTAL	89	98	101	103
Persunal bil-kuntratt – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022)	34	34	34	34
Persunal bil-kuntratt – Addizzjonali meta mqabbel mal-linja bażi (kumulattiva)	-	1	6	7
Persunal bil-kuntratt - TOTAL	29	38	40	41
Esperti Nazzjonali Sekondati – Linja bażi (Abbozz tal-Baġit 2022)	1	1	1	1

TOTAL	119	137	142	145
--------------	------------	------------	------------	------------

Ir-riżorsi umani meħtieġa biex jiġu implimentati l-oġettivi tal-mandat il-ġdid ġew stmati f'kooperazzjoni mal-EMCDDA. L-estimi jqisu ż-żieda mistennija fl-ammont ta' xogħol hekk kif il-partijiet ikkonċernati jagħmlu aktar użu mis-servizzi tal-EMCDDA maż-żmien, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-EMCDDA biex tassorbi r-riżorsi bil-għan li tevita sitwazzjoni fejn l-aġenzija ma tkunx tista' timplimenta bis-sħiħ il-kontribuzzjoni tagħha mill-UE u timpenja l-appropriazzjonijiet fil-ħin. L-estimi jinkludu wkoll il-kostijiet meħtieġa biex jiġi stabbilit il-laboratorju virtwali, inklużi l-kostijiet ta' darba tal-bidu.

Il-persunal meħtieġ għar-reviżjoni tal-mandat huwa ġġustifikat minn ħtiġijiet operazzjonali persistenti, b'mod partikolari fl-oqsma kif spjegat fid-dettall mill-aġenzija. Il-profil tal-persunal previst miżjuda għandhom ikunu involuti fl-operazzjonijiet u ma għandhomx jirrappreżentaw żieda fl-għadd ta' impjegati fl-amministrazzjoni jew żieda fl-ispejjeż ġenerali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-effiċjenza tal-operazzjonijiet:

- Xjenzati/esperti fil-kimika forensiċi u tossikoloġiċi:*** Meħtieġa għall-valutazzjoni tat-theddid, għal-laboratorju virtwali, għall-analiżi tad-droga, għall-analiżi tal-prekursuri, għat-tfassil ta' profili tal-imwiet fis-siti tal-produzzjoni u għall-ibbilanċjar, eċċ.
- Analisti b'għarfien espert f'aspetti operazzjonali u strateġiċi tal-kriminalità, tal-pulizija u tas-sigurtà.*** Dan l-għarfien espert bħalissa huwa limitat ħafna fi ħdan l-aġenzija.
- Analisti strateġiċi u operazzjonali.*** Meħtieġa biex jiżviluppaw analiżi internazzjonali u ġeopolitika, valutazzjoni tat-theddid u twissija bikrija kemm fl-UE kif ukoll fl-identifikazzjoni ta' theddid estern.
- Xjenzjat tad-data, mudellaturi tad-data u analisti tad-data.*** Meħtieġa biex jimmaniġġjaw, janalizzaw u jippreżentaw volum akbar u aktar kumpless ta' data li tinġabar minn kompiti ġodda.
- Appoġġ għall-politika/xjenzjat politiku.*** Meħtieġa għal appoġġ imsaħħaħ għall-politika u r-rwol ta' evalwazzjoni tal-politika.

- f. **Maniġers ta' proġetti tekniċi:** Sabiex jiġġestixxu l-kuntratti tal-ġbir tad-*data* u l-istudji tar-riċerka.
- g. **Ħarrieġa, żvilupp tal-kurrikulu u esperti fil-bini tal-kapaċità:** Sabiex jindirizzaw ir-rwol imsaħħaħ fit-taħriġ u fil-bini tal-kapaċità fl-UE u esternament.
- h. **Ġestjoni tal-bażi tad-*data* ta' appoġġ għall-ICT** eċċ. Se tkun meħtieġa kapaċità akbar biex tappoġġa l-bażijiet tad-*data*, l-infrastruttura tal-ICT, is-sigurtà tas-sistema u l-pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati previsti, meħtieġa biex jiġu pprovduti l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġodda possibbli.
- i. **Arkitett tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u Analista tal-Intelligence tan-Negożju ('Business Intelligence' - BI)** biex jassistu fl-iżvilupp u ż-żamma tal-pjattaforma diġitali tal-EMCDDA u fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda, apprendiment awtomatiku u analitika tad-*data*.

L-għadd totali ta' persunal taħt il-mandat rivedut sal-2027 huwa propost li jkun 145 - inklużi 103 Aġenti Temporanji, 41 Aġent bil-Kuntratt u Espert Nazzjonali Sekondarj wieħed. It-total ta' 145 membru tal-persunal previsti li jkunu jaħdmu fl-Aġenzija sal-2027 ma jinkludix membri tal-persunal impjegati fuq ftehimiet ta' għotja/delega/kontribuzzjoni *ad hoc*, irrapportati separatament taħt it-taqsim 4.3 tal-baġit tal-UE. Id-dati tar-reklutaġġ huma ppjanati għal nofs is-sena. L-ammonti ġew adattati kif xieraq: il-kostijiet tal-persunal reklutat ġdid ġew stmati għal 50 % tal-kostijiet medji għas-sena tar-reklutaġġ tagħhom. Iż-żieda proposta fil-persunal titqies li żżid l-effiċjenza tal-operazzjonijiet, minħabba li l-għadd ta' persunal amministrattiv jibqa' l-istess.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar għal pożizzjoni deċimali waħda)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2 026	Sena 202 7
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)				
20 01 02 01 u 20 01 02 02 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	1	1	1	1
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)				
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)				
10 01 05 01 (Riċerka diretta)				
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)⁹¹				
20 02 01 (AC, END, INT mill- “pakkett globali”)				
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)				
Linja/i baġitarja/i (speċifika) ⁹²	- fil-Kwartieri Ġenerali ⁹³			
	- fid- Delegazzjonijiet			
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)				
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)				
Linji baġitarji oħra (speċifika)				
TOTAL	1	1	1	1

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-
għestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’

⁹¹ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondarj; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁹² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

⁹³ Prinċipalment għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA).

kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. It-tfassil tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm ta' ħidma annwali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit. L-assistenza lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha f'konformità mal-politiki tal-UE, inkluż bil-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-esperti.
Persunal estern	<i>Ma huwa previst l-ebda persunal estern</i>

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeçifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Il-proposta tinkludi riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali għall-EMCDDA mqabbla ma' dak li huwa bbagħitjat bħalissa fil-proposta tal-QFP (Skeda informattiva Nru 68). L-impatt baġitarju tar-riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-EMCDDA se jiġi kkompensat permezz ta' tnaqqis kumpensatorju mill-infiq ipprogrammat taħt l-Intestatura 4.

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁹⁴.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispeçifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speçifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

⁹⁴

Ara l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2093/2020 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁹⁵						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

⁹⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.